



Opinjoni
Konġunta 02/2023 tal-EDPB-EDPS dwar il-Proposta
għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-
Kunsill dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali

Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

Adottata fis-17 ta' Ottubru 2023

WERREJ

1	Sfond	5
2	Kamp ta' applikazzjoni tal-opinjoni.....	8
3	Kummenti ġenerali.....	9
4	Kapitolu I - suġġett u definizzjonijiet	13
5	Kapitolu III - valuta legali.....	14
6	Kapitolu IV - distribuzzjoni	15
7	Kapitolu V - l-użu tal-euro diġitali b'ħala maħżen tal-valur u b'ħala mezz ta' pagament.....	16
8	Kapitolu VII — karatteristiċi tekniċi	18
	8.1 Modalitajiet tal-euro diġitali offline u online	18
	8.2 Tranżazzjonijiet kundizzjonali ta' pagamenti bl-euro diġitali.....	18
	8.3 Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali.....	19
	8.4 Saldu	20
	8.5 Mekkaniżmu ġenerali għad-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi	20
9	Iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza operazzjonali	23
10	Kapitolu VIII — il-privatezza u l-protezzjoni tad- <i>data</i>	23
	10.1 L-Artikolu 34: Ipproċessar mill-Fornituri ta' Servizzi ta' Pagament.....	24
	10.2 L-Artikolu 35: L-iproċessar ta' <i>data</i> personali mill-BĊE jew mill-banek ċentrali nazzjonali.....	27
	10.3 L-Artikolu 36: Ipproċessar mill-Fornituri ta' Servizzi ta' Appoġġ.....	28
11	Kapitolu IX — il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.....	30
12	Kapitolu X – dispożizzjonijiet finali.....	33

Sommarju eżekuttiv

Sentejn wara t-tnedija tal-fażi ta' investigazzjoni dwar il-ħruġ ta' euro diġitali mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fix-xhur li ġejjin, se jeżaminaw il-Proposta għal Regolament li jstabbilixxi l-euro diġitali bħala munita diġitali tal-bank ċentrali. Wara li kkunsidrat l-importanza partikolari tal-euro diġitali għad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* personali, il-Kummissjoni Ewropea talbet li l-EDPB u l-EDPS joħorġu Opinjoni Konġunta dwar din il-Proposta.

Fuq nota ġenerali, filwaqt li jfakkru li l-valur miżjud ta' euro diġitali f'xenarju ta' pagamenti kompetittiv ħafna jkun jirrisjedi prinċipalment fil-kunfidenzjalità tiegħu, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu b'sodisfazzjon kbir il-fatt li l-utenti diġitali dejjem se jkollhom l-għażla li jħallsu f'euro diġitali jew fi flus kontanti, kif ukoll li l-euro diġitali ma jkunx "flus programmabbli". Din l-Opinjoni Konġunta tilqa' wkoll il-fatt li l-Proposta għandha l-għan li tipprovdi standard għoli ta' privatezza u protezzjoni tad-*data* għall-euro diġitali u tirrikonoxxi l-isforzi li saru fil-Proposta għal dan l-għan, b'mod partikolari billi tintroduċi "modalità offline", biex jiġi mminimizzat l-ipproċessar ta' *data* personali fir-rigward tal-euro diġitali, kif ukoll biex tiġi inkorporata l-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u l-protezzjoni tad-*data* b'mod awtomatiku.

Madankollu, l-EDPB u l-EDPS, wara approċċ ta' "privatezza u protezzjoni tad-*data* mid-disinn", jiġbdu l-attenzjoni tal-koleġiżlaturi għal għadd ta' tħassib dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, li, jekk ma jiġix indirizzat fil-Proposta, jista' jimmina l-fiducia taċ-ċittadini fl-euro diġitali futur u, fl-aħħar mill-aħħar, l-adozzjoni tiegħu mis-soċjetà. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jelaboraw dwar il-pożizzjonijiet tagħhom li diġà ġew adottati mill-2021.

L-ewwel nett, filwaqt li l-EDPB u l-EDPS jilqgħu li d-distribuzzjoni tal-euro diġitali titwettag b'"mod deċentralizzat", jiġifieri minn intermedjarji finanzjarji, aktar milli mill-Eurosistema direttament, huma jqisu li aktar kjarifiki dwar il-modalitajiet ta' distribuzzjoni tal-euro diġitali għandhom jiġu inklużi fit-test leġiżlattiv.

Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS iqisu li għandhom jiġu pprovduti aktar kjarifiki dwar il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-punt uniku ta' aċċess tal-identifikaturi uniċi tal-euro diġitali, kif ukoll dwar kif il-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku għandha tiġi implimentata f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, it-test leġiżlattiv għandu jinkludi kjarifiki dwar kif id-*data* personali tkun teħtieġ li tiġi pproċessata mill-PSPs sabiex jinfurzar il-limiti ta' parteċipazzjoni fil-prattika. Hija meħtieġa wkoll aktar ċarezza għall-ipproċessar tad-*data* personali mwettaq għall-infurzar tal-limiti fuq it-tariffi possibbilment mitluba mill-PSPs.

Fir-rigward tal-infrastruttura tas-saldu li għandha tiġi pprovduta u ġestita mill-BĊE, l-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li t-termini ta' promulgazzjoni tal-Proposta għandhom jinkludu obbligu vinkolanti li jiżgura l-psewdonimizzazzjoni tad-*data* kollha dwar it-tranżazzjonijiet *vis-à-vis* il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali.

B'mod importanti, l-EDPB u l-EDPS iqisu wkoll li d-dispożizzjonijiet relatati mal-mekkaniżmu ġenerali għad-detezzjoni u għall-prevenzjoni ta' frodi (FDPM) li l-BĊE jista' jagħżel li jstabbilixxi biex jiffaċilita l-identifikazzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi mill-PSPs huma nieqsa mill-prevedibbiltà, u b'hekk jimminaw iċ-ċertezza legali u l-kapaċità li jivvalutaw il-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu bħal dan. B'mod partikolari, ma huwiex ċar liema kompiti se jitwettqu mill-BĊE (bħala superviżuri possibbli tal-ġlieda kontra l-frodi mwettqa mill-PSPs), minn naħa, u liema kompiti (u l-ipproċessar tad-*data* relatat) se jitwettqu mill-PSPs, min-naħa l-oħra. Għalhekk, il-koleġiżlaturi huma mistiedna biex ikomplju juru n-neċessità ta' dan il-mekkaniżmu u jipprevedu regoli ċari u preċiżi li jirregolaw l-ambitu u l-applikazzjoni tal-FDPM previst, inkluż fir-rigward tan-natura tal-appoġġ li għandu jiġi pprovdut mill-BĊE lill-PSPs. Jekk ma tintweriex din in-neċessità, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jintroduċu miżuri anqas intrużivi mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-*data*, flimkien mal-implimentazzjoni ta' salvagwardji xierqa.

Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu f'din l-Opinjoni Konġunta r-riskji potenzjali li l-euro diġitali tista' tiffaċċja mill-perspettiva tal-IT u taċ-ċibersigurtà u jirrakkomandaw l-inklużjoni ta' referenza espliċita għall-qafas legali applikabbli taċ-ċibersigurtà fil-preambolu tal-Proposta.

Fir-rigward tal-aspetti tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data* tal-euro diġitali, l-EDPS u l-EDPB jinnotaw b'mod pożittiv l-isforzi li saru fil-Kapitolu VIII u l-Annessi korrispondenti biex jiġu stabbiliti l-iskopijiet u l-kategoriji ta' *data* personali għall-ipproċessar li għandu jitwettaq minn kull wieħed mill-atturi involuti fil-ħruġ u l-użu tal-euro diġitali. Madankollu, għandhom jiġu pprovduti aktar kjarifiki mill-koleġiżlaturi rigward, b'mod partikolari, il-bażijiet ġuridiċi applikabbli għal dawn l-operazzjonijiet ta' pproċessar, l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet, kif ukoll it-tip ta' *data* personali li għandha tiġi pproċessata minn kull wieħed minn dawn l-atturi.

Fl-aħħar, l-EDPB u l-EDPS jiddispjaċihom għall-fatt li l-Proposta warrbet l-adozzjoni ta' approċċ ta' "privatezza selettiva" għal pagamenti online ta' valur baxx. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-livell ta' riskju tal-AML/CFT għall-euro diġitali online se jiddependi fuq it-teknoloġija użata u l-għażliet tad-disinn magħmula matul il-fażi tal-konċepiment. B'kont meħud tal-miżuri ta' mitigazzjoni possibbli li jstgħu jiġu implimentati biex jitnaqqas dan ir-riskju, l-EDPB u l-EDPS għalhekk jirrakkomandaw bil-qawwa lill-koleġiżlaturi biex jestendu r-reġim speċifiku applikabbli għall-modalità offline għall-modalità online għal tranżazzjonijiet ta' valur baxx, b'livell limitu li taħtu ma jkun hemm l-ebda traċċar tat-tranżazzjonijiet għall-finijiet tal-AML/CFT.

Meta jitqies li l-ħidma tal-BĊE dwar l-euro diġitali għadha għaddejjja b'mod parallel mal-ħidma tal-koleġiżlaturi, l-EDPB u l-EDPS ifakkru fl-obbligu għall-kontrolluri tal-euro diġitali u l-kontrolluri konġunti kollha li jwettqu DPIA, sal-punt li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 35 tal-GDPR jew tal-Artikolu 39 tal-EUDPR. Barra minn hekk, il-Proposta għandha tfakkar fl-obbligu tal-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku meta jiġu stabbiliti d-disinn operazzjonali u l-għażliet teknoloġiċi.

Wara l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni għall-euro diġitali, l-EDPB u l-EDPS, it-tnejn fi ħdan ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, se jkomplu jimmonitorjaw l-iskjerament u jkunu lesti li jipprovdu gwida lill-koleġiżlaturi u lill-BĊE dwar l-aspetti tal-protezzjoni tad-*data* personali tal-euro diġitali.

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidraw l-Artikolu 42(2) tar-Regolament 2018/1725 tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE¹,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018²,

Wara li kkunsidraw it-talba tal-Kummissjoni Ewropea għal opinjoni konġunta tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data tad-29 ta' Ġunju 2023, dwar il-Proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali³ u dwar il-Proposta għal Regolament dwar il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament inkorporati fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.

ADOTTAW L-OPINJONI KONĠUNTA LI ĠEJJA

1 SFOND

1. Fit-28 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni Ewropea adottat pakkett leġislattiv⁵ dwar euro diġitali, li kien jinkludi Proposta li tistabbilixxi l-qafas legali għal euro diġitali possibbli⁶. Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi u tirregola l-aspetti essenzjali ta' euro diġitali, li l-ħruġ tiegħu huwa l-prerogattiva tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem il-“BĊE”). Il-proġett tal-euro diġitali beda qabel l-adozzjoni tal-pakkett leġislattiv tal-euro diġitali. Hawn taħt, l-EDPB u l-EDPS ifakkru l-kronoloġija tal-avvenimenti ewlenin li wasslu għall-adozzjoni tal-pakkett leġislattiv tal-euro diġitali, inklużi l-fehmiet espressi mill-EDPB dwar il-kwistjoni.
2. F'Ottubru 2020, fil-kuntest ta' interess dejjem akbar għall-muniti diġitali tal-bank ċentrali madwar id-dinja, il-BĊE nieda konsultazzjoni pubblika dwar euro diġitali possibbli, forma ġdida ta' munita diġitali tal-bank ċentrali għall-użu f'pagamenti bl-imnut li għandha l-għan li tikkomplementa l-flus kontanti fiżiċi tal-euro⁷. L-oġġettivi ta' politika tal-istabbiliment tal-euro

¹ ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.

² Referenzi għall-“Istati Membri” li saru f'dan id-dokument għandhom jinftehemu bħala referenzi għall-“Istati Membri taż-ŻEE”.

³ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali, COM/2023/369 final.

⁴ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali minn fornituri tas-servizzi ta' pagament inkorporati fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, COM/2023/368 final.

⁵ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_23_3501

⁶ Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali (COM/2023/369 final)

⁷ BĊE, Rapport dwar euro diġitali, Ottubru 2020, disponibbli fuq: https://www.ecb.europa.eu/pub/pdf/other/Report_on_a_digital_euro~4d7268b458.en.pdf

diġitali huma li jiġi żgurati l-aċċess kontinwu taċ-ċittadini tal-UE għall-munita tal-bank ċentrali fil-kuntest ta' tnaqqis fl-użu ta' flus kontanti fiżiċi, li tiġi appoġġata l-inklużjoni finanzjarja, kif ukoll li jiġu promossi l-innovazzjoni u l-awtonomija strateġika tal-UE fir-rigward tal-pagamenti. F'April 2021, il-BĊE ppubblika rapport dwar ir-rispons ipprovdut matul il-konsultazzjoni pubblika⁸. Ir-rapport wera li l-kunfidenzjalità kienet meqjusa bħala l-aktar karatteristika importanti għal euro diġitali minn 43 % tar-rispondenti, kemm iċ-ċittadini kif ukoll il-professionisti.

3. Fit-18 ta' Ġunju 2021, l-EDPB bagħat ittra lill-istituzzjonijiet Ewropej dwar l-aspetti tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data* ta' euro diġitali possibbli⁹. F'din l-ittra, l-EDPB issottolinja l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet Ewropej jaħdmu fuq euro diġitali li jħaddan bis-sħiħ "*il-privatezza u l-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku*", f'konformità mar-risultati tal-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-BĊE s-sena ta' qabel. Barra minn hekk, l-EDPB enfażizza r-riskji għall-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' proġett bħal dan jekk l-euro diġitali ma jkunx imfassal kif xieraq. B'mod partikolari, l-EDPB enfażizza r-riskju ta' traċċar ġenerali tat-tranżazzjonijiet fost l-infrastrutturi tal-pagamenti, ir-riskju ta' identifikazzjoni eċċessiva taċ-ċittadini li jużaw l-euro diġitali, ir-riskju ta' sigurtà għad-*data* tal-pagamenti, u offra l-assistenza tal-EDPB biex jimmitigahom. Barra minn hekk, l-ittra kienet favur il-possibbiltà li parti mit-tranżazzjonijiet isiru anonimi jew, għall-anqas, b'livell għoli ta' psewdonimizzazzjoni. Fl-aħħar, l-EDPB indika li l-flus kontanti fiżiċi kienu l-punt ta' riferiment rilevanti għad-disinn tal-euro diġitali, speċjalment biex jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, minn naħa, u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (minn hawn 'il quddiem "*AML/CFT*") min-naħa l-oħra.
4. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-BĊE nieda fażi ta' investigazzjoni tal-proġett tal-euro diġitali. Din il-fażi ta' 24 xahar kellha l-għan li tindirizza kwistjonijiet ewlenin rigward it-tfassil u d-distribuzzjoni ta' forma diġitali tal-euro, kif ukoll li tivvaluta l-impatt possibbli ta' euro diġitali fuq is-suq. Objettivi oħrajn kienu li jiġu identifikati l-għażliet tad-disinn biex tiġi żgurata l-privatezza u jiġu evitati r-riskji għaċ-ċittadini taż-żona tal-euro, l-intermedjarji u l-ekonomija ġenerali. Bħala parti mill-assistenza tiegħu lill-istituzzjonijiet Ewropej dwar is-suġġett, l-EDPB ħa sehem fil-proċess ta' konsultazzjoni tal-fażi ta' investigazzjoni u kellu diversi laqgħat ma' esperti tal-BĊE. Minbarra l-pożizzjonijiet tiegħu espressi pubblikament, l-EDPB kellu laqgħat interni regolari dwar is-suġġett, li fihom ipparteċipaw l-esperti tal-Kummissjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha l-opportunità li tibbenefika minn pariri informali regolari tal-EDPB matul il-fażi ta' elaborazzjoni ta' din il-Proposta.
5. F'April 2022, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika mmirata¹⁰ bil-għan li tiġbor aktar informazzjoni dwar għadd ta' aspetti inklużi l-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-utenti, l-impatti mistennija fuq l-industrija ewlenin kif ukoll fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*. L-EDPB

⁸BĊE, Rapport dwar il-konsultazzjoni pubblika dwar euro diġitali, April 2021, disponibbli fuq: <https://www.ecb.europa.eu/press/pr/date/2021/html/ecb.pr210414~ca3013c852.en.html>

⁹ L-EDPB, Ittra lill-istituzzjonijiet Ewropej dwar l-aspetti tal-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* ta' euro diġitali possibbli, 18 ta' Ġunju 2021, disponibbli fuq: https://edpb.europa.eu/system/files/2021-07/edpb_letter_out_2021_0111-digitaleuro-toecb_en_1.pdf

¹⁰ https://finance.ec.europa.eu/regulation-and-supervision/consultations/finance-2022-digital-euro_en

wieġeb din il-konsultazzjoni f'Ġunju 2022¹¹. Fil-kontribut tiegħu, l-EDPB fakkar fil-pożizzjoni tiegħu favur assenza sfiha ta' kontrolli tal-AML/CFT taħt ċertu limitu għal tranżazzjonijiet ta' valur baxx u l-ħtieġa li tiġi evitata ċ-ċentralizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet minn kwalunkwe entità pubblika jew privata, li tippromwovi l-ipproċessar u l-ħżin lokali tad-*data* tat-tranżazzjonijiet, taħt il-kontroll tal-utent. Barra minn hekk, l-EDPB issottolinja li kwalunkwe aċċess għad-*data* tat-tranżazzjonijiet mill-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali (minn hawn 'il quddiem, "l-Eurosistema") għall-finijiet tal-mitigazzjoni tal-frodi jew l-infurzar tar-regoli tat-taxxa għandu jiġi evitat. Fl-aħħar, l-EDPB indika li l-introduzzjoni ta' limiti ta' żamma jew limiti ta' tariffi taffettwa d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* peress li jkun jeħtieġu ġbir u kontrolli addizzjonali tad-*data*.

6. F'Settembru 2022, il-BĊE ppubblika l-ewwel rapport ta' progress dwar il-fażi ta' inkjesta tiegħu, li fiha ppropona diversi għażliet ta' protezzjoni tad-*data* u ta' disinn tal-privatezza għall-euro diġitali. Il-BĊE fakkar ukoll li l-qafas regolatorju stabbilit mill-koleġiżlaturi jkun kruċjali fir-rigward tal-aspetti tal-privatezza tal-euro digitali¹². B'mod partikolari, il-BĊE ppropona xenarju bażi bbażat fuq l-iżvilupp ta' euro diġitali disponibbli online bit-tranżazzjonijiet kollha vvalidati minn intermedjarji finanzjarji li jiddistribwixxu l-euro diġitali u li huma kompletament trasparenti għalihom mill-ewwel ħruġ tal-euro diġitali. Iż-żewġ għażliet ta' "*privatezza selettiva*", fejn jiġi żgurat livell ogħla ta' privatezza għal pagamenti online ta' valur baxx/riskju baxx, u ta' "*funzjonalità offline*", li għalihom ma jseħħ l-ebda traċċar għal pagamenti offline ta' valur baxx imwettqa fi prossimità fiżika mill-qrib, ġew deskritti mill-BĊE bħala "*il hinn mil-linja bażi*", u soġġetti għal investigazzjoni ulterjuri mill-koleġiżlaturi.
7. Fl-10 ta' Ottubru 2022, l-EDPB ippubblika dikjarazzjoni¹³ li tfakkar il-ħtieġa li jiġi evitat traċċar sistematiku tat-tranżazzjonijiet fuq arkitettura bbażata fuq il-kontijiet bħal din. Din wissiet li l-validazzjoni tat-tranżazzjonijiet kollha bl-euro diġitali tista' ma tkunx konformi mal-kunċetti tal-protezzjoni tad-*data* ta' neċessità u proporzjonalità, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "QĠUE"). L-EDPB fakkar li l-introduzzjoni ta' limitu ta' privatezza għal tranżazzjonijiet ta' valur baxx, li taħtu ma għandu jseħħ l-ebda traċċar tat-tranżazzjonijiet, kienet meħtieġa biex tibbilanċja dan ir-riskju, kemm għall-modalitajiet online kif ukoll għal dawk offline. Barra minn hekk, l-EDPB appella għal dibattitu pubbliku u demokratiku dwar is-suġġett.
8. Fir-rigward tar-reġim tal-AML/CFT tal-euro diġitali, l-EDPB indika li l-qafas legali kurrenti dwar il-pagamenti elettroniċi ma deherx li huwa xieraq għal għodda bħall-euro diġitali li għandha karatteristiċi fundamentalment differenti f'termini tal-oġġettivi tal-politika, u meta jitqies il-livell ta' fiduċja meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-aspettattivi espressi matul il-konsultazzjoni pubblika¹⁴. Għalhekk, l-EDPB irrakkomanda l-ħolqien ta' reġim legali speċifiku għall-euro diġitali

¹¹L-EDPB, Rispons għall-konsultazzjoni mmirata tal-Kummissjoni Ewropea dwar euro diġitali, adottata fl-14 ta' Ġunju 2022, disponibbli fuq: https://edpb.europa.eu/system/files/2022-06/edpb_responseconsultation_20220614_digitaleuro_en.pdf

¹² BĊE, Progress dwar il-fażi ta' investigazzjoni ta' euro diġitali, id-29 ta' Settembru 2022, disponibbli fuq: https://www.ecb.europa.eu/paym/digital_euro/investigation/governance/shared/files/ecb.degov220929.en.pdf?8eec0678b57e98372a7ae6b59047604b

¹³Id-Dikjarazzjoni 04/2022 tal-EDPB dwar l-għażliet tad-disinn għal euro diġitali mill-perspettiva tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data*, adottata fl-10 ta' Ottubru 2022, disponibbli fuq: https://edpb.europa.eu/system/files/2022-10/edpb_statement_20221010_digital_euro_en.pdf

¹⁴ Ara l-paragrafu 2 hawn fuq u n-nota 8 f'qiegħ il-paġna.

u rakkomanda li titwettaq valutazzjoni kemm tar-riskji għall-privatezza kif ukoll tal-AML/CFT fl-istess ħin.

9. L-EDPB u l-EDPS itennu li l-valur miżjud ta' euro diġitali, f'xenarju ta' pagament Ewropew diġà kompetittiv ħafna, ikun jirrisjedi prinċipalment fil-karatteristiċi tiegħu tal-preservazzjoni tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data*. Skont l-EDPB u l-EDPS, il-karatteristiċi tal-preservazzjoni tal-l-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data* tal-euro diġitali huma tabilħaqq prekondizzjoni għall-kisba ta' fiduċja tal-pubbliku għal forma diġitali ta' munita tal-bank ċentrali kif ukoll skattatur deċiżiv fl-adozzjoni tiegħu miċ-ċittadini tal-UE¹⁵. Din il-fiduċja ma għandhiex tiġi mminata minn disinn mhux xieraq tal-euro diġitali jew tal-qafas legali. L-evitar ta' sitwazzjoni bħal din huwa l-iskop proprju tal-Opinjoni Konġunta.

2 KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-OPINJONI

10. Fid-29 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni talbet Opinjoni Konġunta tal-EDPB u tal-EDPS (minn hawn 'il quddiem l-"Opinjoni") f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 (minn hawn 'il quddiem l-"EUDPR") dwar żewġ proposti għal regolamenti li jiffurmaw parti mill-"Pakkett dwar il-Munita Unika". Dan il-pakkett leġiżlattiv jinkludi:
 - Proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali¹⁶ (minn hawn 'il quddiem il-"Proposta");
 - Proposta għal Regolament dwar il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament inkorporati fi Stati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷.
11. Dawn iż-żewġ proposti, li jappoġġaw lil xulxin b'mod reċiproku, għandhom l-għan li jistabbilixxu l-euro diġitali u li jiżguraw li l-Ewropej ikollhom opzjonijiet kemm ta' flus kontanti kif ukoll ta' pagament diġitali meta jkunu jixtiequ jħallsu bi flus tal-bank ċentrali. Fil-kuntest ta' din l-Opinjoni, saru biss rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-Proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali.

¹⁵ F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li skont stħarriġ li sar f'isem il-Bundesbank fil-Ġermanja, l-iżvantaġġi ewlenin possibbli għar-rispondenti kienu n-nuqqas ta' valur miżjud (għal 77 % tar-rispondenti), il-biża' tal-ewwel pass lejn l-abolizzjoni ta' flus kontanti fiżiċi (61 %) u l-possibbiltà ta' sorveljanza ġenerali tad-drawwiet tax-xiri (54 %) (Deutsche Bundesbank, Rapport ta' Kull Xahar, Ottubru 2021, disponibbli fuq: https://www.bundesbank.de/resource/blob/879312/8070_18037068359550e1d89a5dc366fe/mL/2021-10-digitaler-euro-private-haushalte-data.pdf). Barra minn hekk, skont l-aħħar studju SPACE tal-BĊE, 60 % taċ-ċittadini taż-Żona tal-euro jqisu li huwa importanti li jkollhom l-għażla li jħallsu bi flus kontanti. Il-vantaġġi ewlenin perċepiti tal-flus kontanti huma għalihom l-anonimità u l-protezzjoni tal-privatezza tagħhom (BĊE, Studju dwar l-attitudnijiet tal-pagamenti tal-konsumaturi fiż-żona tal-euro, 20 ta' Diċembru 2022, disponibbli fuq: https://www.ecb.europa.eu/stats/ecb_surveys/space/html/ecb.spacereport202212~783ffdf46e.en.html).

¹⁶ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali, COM/2023/369 final.

¹⁷ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali minn fornituri tas-servizzi ta' pagament inkorporati fi l-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, COM/2023/368 final.

12. Il-Proposta tipprovdi l-qafas legali għall-adozzjoni u l-ħruġ tal-euro diġitali mill-BĊE u, għal dan il-għan, hija fil-biċċa l-kbira bbażata fuq l-approċċ tat-Tielet Rapport ta' Progress maħruġ mill-BĊE f'April 2023¹⁸.
13. B'mod aktar speċifiku, il-Proposta tistabbilixxi l-qafas għall-BĊE biex joħroġ l-euro diġitali, f'konformità mal-Proposta u mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni indipendenti u s-setgħat tal-BĊE skont it-Trattati¹⁹. Barra minn hekk, il-Proposta tistabbilixxi l-euro diġitali bħala valuta legali u tistabbilixxi regoli dwar id-distribuzzjoni tiegħu permezz ta' fornituri ta' servizzi ta' pagament ("PSPs"). Barra minn hekk, il-Proposta tiddefinixxi r-rwoli u l-obbligi tal-banek ċentrali nazzjonali u tal-BĊE fil-ħruġ u s-supervizzjoni finanzjarja, u tistabbilixxi l-pedamenti għall-karatteristiċi tekniċi tal-euro diġitali. Wara l-adozzjoni ta' din il-Proposta, il-BĊE jkollu jiżviluppa aktar l-istandards tekniċi għall-implimentazzjoni tal-euro diġitali.
14. Żewġ modalitajiet ta' euro diġitali huma proposti fil-Proposta: modalità online u offline. L-għażla ta' utent diġitali tal-euro għal waħda minn dawn il-modalitajiet għandha implikazzjonijiet importanti għall-protezzjoni tad-*data* peress li l-proposta tiddistingwi l-obbligi bejn dawn il-modalitajiet filwaqt li tqis, pereżempju, is-saldu tat-tranżazzjonijiet u l-applikabbiltà tar-regoli tal-AML/CFT²⁰.
15. Il-Proposta għandha implikazzjonijiet importanti għad-drittijiet fundamentali tal-individwi għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali. L-awtoritajiet supervizzorji stabbiliti mill-GDPR u l-EUDPR se jkunu responsabbli għas-supervizzjoni tal-ipproċessar tad-*data* personali skont il-Proposta²¹.
16. L-ambitu tal-Opinjoni huwa limitat għall-aspetti tal-Proposta li jinvolvu l-ipproċessar tad-*data* personali, li jikkostitwixxu wieħed mill-pilastru ewlenin tal-Proposta. Peress li l-Proposta, kif spjegat aktar f' l-Opinjoni, tqajjem diversi tħassib dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali, l-għan ta' din l-Opinjoni ma huwiex li tipprovdi lista eżawrjenti tal-kwistjonijiet kollha, u lanqas li dejjem tipprovdi dispożizzjonijiet alternattivi jew suġġerimenti ta' formulazzjoni. Minflok, din l-Opinjoni għandha l-għan li tindirizza l-kwistjonijiet ewlenin, fir-rigward tal-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* tal-Proposta.

3 KUMMENTI ĠENERALI

17. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-intenzjoni li jitfassal l-euro diġitali b'mod li jimminimizza l-ipproċessar ta' *data* personali mill-PSPs, mill-Eurosistema u mill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ (minn hawn' il quddiem il-"PSSs") għal dak li huwa meħtieġ biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-Euro Diġitali²². Dan huwa ċar fil-mod kif il-Proposta tipprova tinkwadra d-*data* personali li għandha

¹⁸ BĊE, Progress dwar il-fażi ta' investigazzjoni ta' euro diġitali - it-tielet rapport, 24 ta' April 2023, disponibbli fuq:

https://www.ecb.europa.eu/paym/digital_euro/investigation/governance/shared/files/ecb.degov230424_progress.en.pdf.

¹⁹ L-Artikolu 133 tat-TFUE.

²⁰ Ara t-Taqsima 11 ta' din l-Opinjoni.

²¹ Premessa 12 tal-Proposta.

²² Premessi 71 u 72 tal-Proposta.

tiġi pproċessata minn kull wieħed mill-atturi msemmija hawn fuq, billi tiddefinixxi kategoriji ta' *data* personali li jaqgħu fi ħdan kull attività ta' pproċessar elenkata taħt l-Annessi li jakkumpanjaw il-Proposta. Il-Proposta tenfasizza wkoll il-ħtieġa għal implimentazzjoni adegwata tal-prinċipju tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku, billi tirrikjedi l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell²³ u salvagwardji speċifiċi f'każijiet li jistħoqqilhom attenzjoni partikolari bbażata fuq ir-riskji tagħhom²⁴.

18. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu wkoll il-Premessa 12 tal-Proposta, li tirreferi għall-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE, kif ukoll il-Premessa 70 li tenfasizza li standard għoli ta' privatezza u protezzjoni tad-*data* huwa kruċjali għall-fiduċja pubblika fl-euro diġitali u tirreferi għad-dikjarazzjoni tal-EDPB imsemmija hawn fuq maħruġa fl-2022 dwar l-għażliet tad-disinn għall-euro diġitali²⁵.
19. Filwaqt li jitqies il-fatt li l-privatezza hija meqjusa bħala l-aktar karatteristika importanti għal euro diġitali kemm mill-individwi kif ukoll mill-professjonisti²⁶, l-EDPB u l-EDPS ifakkru li l-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku għandha tkun inkorporata fid-disinn tal-euro diġitali mill-bidu nett, inklużi l-għażliet tekniċi li jsiru mill-BĊE skont l-Artikolu 5(2) tal-Proposta, u fir-rigward tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni supplimentari mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 5(1) wara l-adozzjoni tal-Proposta. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw l-importanza tal-implimentazzjoni ta' teknoloġiji li jtejbju l-privatezza (minn hawn 'il quddiem "PETS") meta jiġi ddisinjat l-euro diġitali.
20. L-EDPB u l-EDPS ifakkru wkoll li, skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE, japplika test ta' neċessità għal kwalunkwe limitazzjoni fuq l-eżerċitar tad-drittijiet għall-protezzjoni tad-*data* personali u r-rispett għall-ħajja privata fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali²⁷. Dan jinvolvi l-valutazzjoni ta' jekk miżuri oħrajn jiksbox l-eżitu mixtieq bi grad aktar baxx ta' interferenza mad-dritt fundamentali inkwistjoni. Barra minn hekk, meta jadotta miżuri li jinterferixxu mad-drittijiet fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali, il-leġiżlatur jeħtieġ li jivvaluta jekk l-importanza tal-oġġettiv ta' interess ġenerali segwit mill-ipproċessar hijiex proporzjonata għas-serjeta' tal-interferenza²⁸.

²³ Pereżempju, fl-Artikolu 35(4) billi tiġi imposta segregazzjoni ċara tad-*data* personali biex jiġi żgurat li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament l-utenti individwali tal-euro diġitali.

²⁴Ara l-aħħar sentenza tal-Artikolu 35(8) tal-Proposta.

²⁵Id-Dikjarazzjoni 04/2022 tal-EDPB dwar l-għażliet tad-disinn għal euro diġitali mill-perspettiva tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data*, adottata fl-10 ta' Ottubru 2022, disponibbli fuq:

https://edpb.europa.eu/system/files/2022-10/edpb_statement_20221010_digital_euro_en.pdf

²⁶ Paġna 7 tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Proposta, SWD(2023) 233 final.

²⁷ Is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, *Tietosuojavaluutettu v Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy.*, C-73/07, EU:C:2008:727, il-paragrafu 56; Is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, *Il-Kawżi Magħquda Volker und Markus Schecke*, C-92/09 u C-93/09, EU:C:2010:662, il-punti 77 u 86. Barra minn hekk, ara, EDPS, il-Linji Gwida dwar il-valutazzjoni tal-proporzjonalità ta' miżuri li jillimitaw id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni ta' *data* personali, id-19 ta' Diċembru 2019, disponibbli fuq: https://edps.europa.eu/sites/default/files/publication/19-12-19_edps_proportionality_guidelines2_en.pdf.

²⁸Is-sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, *OT u l-Vyriausioji tarnybinės etikos komisija*, C-184/20, EU:C:2022:601, il-punt 98.

21. F'dan l-isfond, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-kompiti relatati mal-ġestjoni tal-utenti (jiġifieri l-ġestjoni tal-kontijiet/kartieri tal-euro diġitali, il-provvista u l-ġestjoni tal-istrumenti ta' pagament), il-ġestjoni tat-tranżazzjonijiet (jiġifieri l-bidu, l-awtentikazzjoni u l-validazzjoni tat-tranżazzjoni) u l-ġestjoni tal-likwidità (finanzjament u definanzzjament) għandhom fil-prinċipju jkunu "deċentralizzati" kemm jista' jkun. L-EDPB u l-EDPS għalhekk jilqgħu l-fatt li d-distribuzzjoni tal-euro diġitali skont il-Proposta titwettaq minn intermedjarji finanzjarji rregolati b'mod deċentralizzat, aktar milli mill-Eurosistema direttament. B'mod partikolari, l-approċċ deċentralizzat jista' jiffaċilita l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* qabel kull intermedjarju finanzjarju bħala kontrollur. F'dan ir-rigward, it-Taqsima 8 ta' din l-Opinjoni Konġunta fiha diversi rakkomandazzjonijiet u titlob kjarifiki dwar ir-rwoli u l-kompiti li, mingħajr ma jfixklu l-funzjonament tal-euro diġitali u r-rwol tal-BĊE, jistgħu jiġu allokati lill-intermedjarji finanzjarji.
22. Barra minn hekk, filwaqt li l-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġi introdott limitu fuq il-holdings tal-euro diġitali għal kull utent tal-euro diġitali, l-EDPB u l-EDPS jindikaw li karatteristika bħal din timplika telf awtomatiku ta' anonimità sħiħa u grad ta' pproċessar ta' *data* personali²⁹.
23. Kif diġà ġie ssottolinjat mill-EDPB³⁰, standard għoli ta' privatezza u protezzjoni tad-*data* huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-fiduċja taċ-ċittadini fl-euro diġitali futur u, fl-aħħar mill-aħħar, is-suċċess tiegħu. F'dak ir-rigward, ir-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali online kollha, irrispettivament mill-ammont tagħhom, ma tidhirx li hija konformi mal-għan tal-Proposta li tappoġġa l-protezzjoni tad-*data* bħala politika ewlenija segwita mill-Unjoni, u lanqas mal-importanza li ċ-ċittadini jagħtu lill-privatezza fil-kuntest tal-euro diġitali, kif rifless fl-istħarriġ imsemmi hawn fuq imwettaq mill-BĊE fl-2021³¹. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS iqisu li huwa meħtieġ li jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza mhux biss għall-pagamenti tal-euro diġitali offline, kif previst bħalissa mill-Proposta³², iżda anke għal tranżazzjonijiet ta' pagament tal-euro diġitali online ta' valur baxx. L-EDPB u l-EDPS jirakkomandaw li jintlaħaq dan l-oġettiv permezz tal-introduzzjoni ta' limitu ta' privatezza għal tranżazzjonijiet ta' pagament diġitali online ta' valur baxx, kif elaborat aktar fit-Taqsima 11 hawn taħt.
24. L-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu wkoll l-isforzi li saru biex jiġi żgurat li l-Proposta ma taffettwax l-applikazzjoni tal-liġijiet eżistenti tal-UE li jirregolaw l-ipproċessar ta' *data* personali, inklużi l-kompiti u s-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti biex jimmonitorjaw il-konformità mal-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-*data*, kif indikat fil-preambolu tal-Proposta³³. Aspett

²⁹ Ara f'dan ir-rigward it-Taqsima 7 ta' din l-Opinjoni.

³⁰ Id-Dikjarazzjoni 04/2022 tal-EDPB dwar l-għażliet tad-disinn għal euro diġitali mill-perspettiva tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data*, adottata fl-10 ta' Ottubru 2022, disponibbli fuq: https://edpb.europa.eu/system/files/2022-10/edpb_statement_20221010_digital_euro_en.pdf

³¹ BĊE, Rapport dwar il-konsultazzjoni pubblika dwar euro diġitali, April 2021, disponibbli fuq: <https://www.ecb.europa.eu/press/pr/date/2021/html/ecb.pr210414~ca3013c852.en.html>

³² Artikolu 37 tal-Proposta.

³³ Premessa 12 tal-Proposta: "Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali skont dan ir-Regolament irid jikkonforma mar-Regolament (UE) 2016/679 u mar-Regolament (UE) 2017/1725 sa fejn ikun jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom. Għalhekk, fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/679 u tar-Regolament (UE) 2018/1725 l-awtoritajiet superviżorji huma responsabbli għas-superviżjoni tal-ipproċessar ta' *data* personali mwettaq fil-kuntest ta' dan ir-Regolament". Barra minn hekk, il-Premessa 70 tiddikjara li "L-ipproċessar ta' *data* personali

importanti huwa relatat mal-bażi ġuridika għall-kontrolluri li jipproċessaw id-*data* personali fil-kuntest tal-Proposta u l-attribuzzjoni xierqa tar-rwoli u d-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet fost il-PSPs, l-Eurosistema kif ukoll il-PSSs. Dan l-element huwa indirizzat taħt it-Taqsima 10 ta' din l-Opinjoni Konġunta.

25. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jieħdu nota li l-Artikolu 282(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "TFUE") jipprevedi li l-BĊE huwa indipendenti fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu, u li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE - inklużi l-Kummissjoni u l-koleġiżlaturi - jeħtiġilhom jirrispettaw dik l-indipendenza. L-Artikolu 130 tat-TFUE jżid li, meta jeżerċita s-setgħat u jwettaq il-kompiti u d-dmirijiet mogħtija lilu mit-Trattati u l-Istatut tal-BĊE, dan tal-aħħar ma għandux ifittex jew jieħu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE. Skont l-Artikolu 132 tat-TFUE, il-BĊE jista' jagħmel regolamenti u jieħu deċiżjonijiet meħtieġa biex jimplimenta u jwettaq il-kompiti tiegħu³⁴, kif jagħmel spiss il-BĊE, li jikkonċernaw ukoll il-mod kif jipproċessa u jirregola d-*data* personali fil-kuntest tal-operazzjonijiet tiegħu³⁵. Filwaqt li l-EDPB u l-EDPS għandhom ir-rispett dovut għall-awtonomija deċiżjonali tal-BĊE, huma jenfasizzaw ukoll il-ħtieġa li l-Proposta tipprovdi regoli ċari, soġġetti għal diskussjoni u approvazzjoni leġislattivi, dwar l-ipproċessar ta' *data* personali fil-kuntest tal-ħruġ u l-użu tal-euro diġitali, b'salvagwardji ċari, u b'hekk jiġi żgurat l-oġġla livell possibbli ta' protezzjoni għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.
26. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jifhmu li l-leġiżlatur tal-UE għandu l-mandat li "*jstabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-użu tal-euro bħala l-munita unika*", skont l-Artikolu 133 tat-TFUE, li huwa l-bażi ġuridika tal-Proposta fit-Trattati. Madankollu, il-limitazzjonijiet istituzzjonali u legali tal-bażi ġuridika tal-Artikolu 133 tat-TFUE li jirriżultaw mir-regoli minquxa fit-TFUE jirrikjedju li jitħalla livell ta' diskrezzjoni lill-BĊE fir-rigward tal-miżuri, ir-regoli u l-istandards iddettaljati li l-BĊE għandu jadotta biex jimplimenta l-miżuri mgħoddija mill-koleġiżlaturi, bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 5(2) tal-Proposta³⁶. L-EDPB u l-EDPS jifhmu wkoll li din hija r-raġuni għaliex, bħala regola, il-Proposta rari tagħti mandat lill-BĊE biex iwettaq ċerti kompiti, iżda spiss tħalli għad-diskrezzjoni tal-BĊE (bl-użu tal-kelma "*jista*" minflok "*għandu*") biex

għall-konformità u fil-kuntest ta' dan ir-Regolament isir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u mar-Regolament (UE) 2018/1725, kif ukoll, fejn applikabbli, mad-Direttiva 2002/58/KE".

³⁴ Dan huwa rifless ukoll fl-Artikolu 282(4) tat-TFUE: "*Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jadotta dawk il-miżuri li huma meħtieġa sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu f'konformità mal-Artikoli 127 sa 133, l-Artikolu 138, u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE.*"

³⁵ Ara, bħala eżempji: Id-Deċiżjoni (UE) 2020/655 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Mejju 2020 li tadotta regoli implimentattivi dwar il-protezzjoni tad-*data* fil-Bank Ċentrali Ewropew u li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2007/1 (BĊE/2020/28) ĠU L 152, 15.5.2020, p. 13–20; id-Deċiżjoni (UE) 2021/1486 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Settembru 2021 li tadotta regoli interni dwar restrizzjonijiet ta' drittijiet ta' suġġetti tad-*data* b'rabta mal-kompiti tal-Bank Ċentrali Ewropew relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (BĊE/2021/42) ĠU L 328, 16.9.2021, p. 15–22; u l-Premessa (10) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/1982 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2022 dwar l-użu ta' servizzi tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali mill-awtoritajiet kompetenti u mill-awtoritajiet li jikkooperaw, u li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2013/1 (BĊE/2022/34) BĊE/2022/34 ĠU L 272, 20.10.2022, p. 29–35.

³⁶ L-Artikolu 5(2) jiddikjara li "*Fil-qafas ta' dan ir-Regolament, l-euro diġitali għandu jkun regolat ukoll bil-miżuri, bir-regoli u bl-istandards dettaljati li jistgħu jiġu adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew skont il-kompetenzi tiegħu stess. Meta dawn il-miżuri, ir-regoli u l-istandards dettaljati jkollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertà tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data qabel l-adozzjoni tagħhom.*"

iwettaqhom³⁷. Fi kwalunkwe każ, anke f'każijiet fejn l-għażliet tekniċi jitħallew f'idejn il-BĊE, dawn l-għażliet huma soġġetti għall-ħtieġa li tiġi żgurata l-konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, inklużi r-rekwiżiti tan-neċessità u l-proporzjonalità.

27. Fl-aħħar, l-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu li l-Proposta, minbarra li tenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-konformità mal-GDPR u mal-EUDPR, tipprevedi restrizzjonijiet speċifiċi għall-kontrolluri u salvagwardji għas-suġġetti tad-*data* fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali. Dan huwa l-każ, pereżempju, tal-projbizzjoni skont l-Artikolu 37(2) tal-Proposta taż-żamma ta' *data* dwar it-tranżazzjonijiet mill-PSPs jew mill-Eurosistema għal tranżazzjonijiet ta' pagamenti offline bl-euro diġitali. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu wkoll ir-rekwiżit għall-BĊE li jikkonsulta lill-EDPS qabel l-adozzjoni ta' miżuri, regoli u standards dettaljati li jista' jkollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 5(2) tal-Proposta.

4 KAPITOLU I - SUĖĖETT U DEFINIZZJONIJIET

28. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Artikolu 2 tal-Proposta jipprevedi definizzjonijiet meħtieġa għall-fehim tal-Proposta kollha kemm hi. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS iqisu li xi definizzjonijiet huma neqsin jew jirrikjeddu aktar kjarifiki sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.

29. L-ewwel nett, ċentrali għall-Proposta hija d-*data* ġġenerata mit-tranżazzjonijiet ta' pagament. Madankollu, il-Proposta ma tiddefinixxi x'tinvolti "*data tat-tranżazzjonijiet*" u jekk il-modalità tal-pagament offline jew online ivarjawx fit-tipi ta' *data* tat-tranżazzjonijiet li jew tiġi ġġenerata mit-tranżazzjoni jew hija mistennija u meħtieġa biex tranżazzjoni tiġi eżegwita b'suċċess. L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi ddefinit b'mod preċiż liema tip ta' *data* taqa' taħt il-kategorija ta' "*data dwar it-tranżazzjonijiet*". F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw ukoll li l-Annessi III, IV u V tal-Proposta jużaw kategoriji wiesgħa ta' *data* personali li huma mistennija li jiġu pproċessati minn atturi differenti. Dawn il-kategoriji ta' *data* personali għandhom jiġu ddefiniti b'mod aktar preċiż, kif spjegat fit-Taqsima 9 ta' din l-Opinjoni Konġunta.

30. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Proposta tirreferi għat-terminu "*apparati għall-ħżin lokali*" f'diversi każijiet. B'mod partikolari, il-Proposta tirreferi għat-terminu "*apparati għall-ħżin lokali*" skont l-Artikoli 2(15), 34(1)(c), 35(1)(c), u 37(4)(b), li ma huwiex iddefinit skont l-Artikolu 2 tal-Proposta. Skont il-Premessa 34 tal-Proposta: "*Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jirreġistraw u jneħħu mir-reġistru l-apparati għall-ħżin lokali għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali tal-klijenti tagħhom*". L-istess Premessa tispeċifika wkoll li l-PSPs se jaħżnu temporanjament l-identifikatur tal-apparat għall-ħżin lokali użat għall-euro diġitali offline. Il-Premessa 35 tispeċifika wkoll li l-PSPs għandhom jirreġistraw u jneħħu r-reġistrazzjoni tal-apparati għall-ħżin lokali għal tranżazzjonijiet offline ta' pagament

³⁷ Ara eżempju fil-Premessa (25): "*Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jappoġġa lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fit-twettiq tal-kompitu tal-infurzar ta' kwalunkwe limitu fuq l-ammonti miżmumin, inkluż billi jistabbilixxi waħdu jew b'mod konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali punt ta' aċċess uniku ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti ta' żamma diġitali relatati tal-euro.*" Ara wkoll fil-Premessa (68): "*il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jistabbilixxi mekkaniżmu ġenerali għad-detezzjoni u għall-prevenzjoni tal-frodi sabiex jappoġġa l-attivitajiet ta' ġestjoni tal-frodi mwettqin mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fuq tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali.*" (enfasi miżjuda)

bl-euro diġitali tal-klijenti tagħhom. Fl-aħħar, il-Premessa 75 tispjega li, fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali, il-PSPs jipproċessaw “[...] biss data personali relatata mad-depożitu jew mal-prelevament ta' euro diġitali minn kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali sabiex jintefgħu fuq apparati għall-ħżin lokali, jew mill-apparati għall-ħżin lokali għall-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali. Dan jinkludi l-identifikatur tal-apparati għall-ħżin lokali li l-fornituri tas-servizzi tal-pagamenti jattribwixxu lil utent tal-euro diġitali li jżomm euro diġitali offline”. Għalhekk, jidher li l-użu tat-terminu “apparati għall-ħżin lokali” fil-Proposta jirreferi għal “apparati mobbli”. Madankollu, l-Artikolu 2(31) jiddefinixxi b'mod espliċitu “apparati mobbli” bħala “[...] apparat li jippermetti lill-utenti tal-euro diġitali jawtorizzaw tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online jew offline inklużi b'mod partikolari smartphones, tablets, arloġġi intelliġenti u apparati ta' kull tip li jintlibsu”. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li fejn il-Proposta tiddefinixxi “kont ta' pagament bl-euro diġitali” skont l-Artikolu 2(5), jintuża t-terminu “apparat offline tal-euro diġitali”. F'dan l-isfond, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi ċċarat jekk “apparati għall-ħżin lokali” jikkostitwixxux apparati għajr “apparati mobbli” kif iddefinit fl-Artikolu 2(31) tal-Proposta u, jekk dan ikun il-każ, tiġi inkluża definizzjoni separata għal dan it-terminu fl-Artikolu 2 tal-Proposta. Dawn il-kjarifiki għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għat-terminu “apparat offline tal-euro diġitali” msemmi fl-Artikolu 2(5) tal-Proposta.

31. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li tiġi ċċarata d-definizzjoni tat-terminu “identifikatur tal-utent” skont l-Artikolu 2(27) tal-Proposta. L-Artikolu 2(27) tal-Proposta jiddefinixxi “identifikatur tal-utent” bħala “[...] identifikatur uniku maħluq minn fornitur ta' servizzi ta' pagament li jqassam l-euro diġitali li jiddistingwi b'mod mhux ambigwu, għal finijiet tal-euro diġitali online, utenti tal-euro diġitali iżda li ma jkunx attribwibbli għal persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali”. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Anness III jiddikjara li l-“identifikatur tal-utent” ikun jinkludi “l-isem tad-detenturi tal-apparat għall-ħżin lokali”. Eżempju ieħor huwa r-relazzjoni bejn il-kunċetti “identifikatur tal-utent” iddefinit fl-Artikolu 2 (27) tal-Proposta u “isem assunt tal-utent” iddefinit fl-Artikolu 2(28) tal-Proposta, li t-tnejn li huma jidher li jindikaw metodu ta' psewdonimizzazzjoni kif iddefinit fl-Artikolu 4(5) tal-GDPR, għalkemm dan isir espliċitu biss skont l-Artikolu 2(28) tal-Proposta.
32. Fl-aħħar, l-EDPB u l-EDPS jindikaw li l-Artikolu 22(3) tal-Proposta juża t-terminu “numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali” li, madankollu, ma huwiex iddefinit fl-Artikolu 2. Għalhekk, għall-finijiet taċ-ċertezza legali, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li tiġi inkluża definizzjoni ta' “numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali” taħt l-Artikolu 2. L-introduzzjoni ta' din id-definizzjoni tgħin ukoll biex tiġi ċċarata d-differenza bejn tipi oħrajn ta' identifikaturi fil-Proposta, b'mod partikolari l-“identifikatur tal-utent” kif iddefinit fl-Artikolu 2(27) u l-“isem assunt tal-utent” kif iddefinit fl-Artikolu 2(28) tal-Proposta.

5 KAPITOLU III - VALUTA LEGALI

33. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-oġġettiv ta' politika li jiġi pprovdut valur ta' valuta legali għall-euro diġitali kif inhu l-każ għall-muniti u għall-karti tal-flus tal-euro. L-euro diġitali għandu jikkomplementa l-flus kontanti fiżiċi, li huwa mezz ġenerali ta' pagament għall-privatezza u l-libertajiet individwali, u mhux jissostitwih. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-fatt li ċ-

ċittadini dejjem se jkollhom l-għażla li jħallsu b'euro diġitali jew bi flus kontanti, skont l-Artikolu 12(2) tal-Proposta.

6 KAPITOLU IV - DISTRIBUZZJONI

34. Il-Proposta tirregola d-distribuzzjoni tal-euro diġitali permezz tal-qafas legali eżistenti tal-UE għall-forniment ta' servizzi ta' pagament ipprovduti mid-Direttiva (UE) 2015/2366 (PSD2)³⁸. Il-PSPs jistgħu jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil għadd ta' kategoriji ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi skont l-Artikolu 13 tal-Proposta.
35. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-euro diġitali jista' jitqassam ukoll lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li ma jirrisjedux jew li ma humiex stabbiliti fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro skont l-Artikolu 13(1)(b) u (c) tal-Proposta. Madankollu, skont il-Proposta kurrenti, ma huwiex ċar f'liema każijiet, kif, u għaliex is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali jistgħu jiġu ristretti għal dawk il-kategoriji ta' suġġetti tad-*data*, kif dan jaffettwa l-ipproċessar ta' *data* personali u jekk id-*data* personali titfassarx jew le meta l-użu tas-servizzi jkun ristrett. Lanqas ma huwa ċar jekk din l-informazzjoni għandhiex tiġi speċifikata fil-qafas ta' din il-Proposta jew il-Proposta għal regolament dwar il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali minn fornituri tas-servizzi tal-pagament inkorporati fi Stati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi ċċarat l-ipproċessar imwettaq fil-qafas tad-distribuzzjoni tal-euro diġitali lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li ma jirrisjedux jew li ma humiex stabbiliti fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, jew f'din il-Proposta jew fil-Proposta għal regolament dwar il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament inkorporati fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro.
36. Fl-Artikolu 13(4) tal-Proposta, l-approvazzjoni minn qabel ta' utent tal-euro diġitali hija meħtieġa sabiex torbot kont tal-euro diġitali ma' kontijiet ta' pagament ta' kors legali kemm għall-finanzjament kif ukoll għad-definanzjament tal-kont tal-euro diġitali u sabiex jiġu ssupplimentati pagamenti li jaqbżu l-limitu ta' żamma tal-euro diġitali. Din ir-rabta tkun tinvolvi l-ipproċessar ta' *data* personali, peress li l-informazzjoni tiġi skambjata dwar kontijiet ta' pagament multipli li mhux neċessarjament jiġu pprovduti mill-istess PSP. Mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-*data*, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-approvazzjoni minn qabel ma għandhiex tiġi interpretata bħala kunsens fis-sens tal-GDPR, iżda pjuttost bħala salvagwardja ta' natura kuntrattwali. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li "*approvazzjoni minn qabel*" tiġi sostitwita b'"*permess*". Dan l-approċċ ikun konformi mal-Proposta għal Regolament dwar is-Servizzi ta' Pagament (minn hawn 'il quddiem "*PSR*")³⁹ u l-Proposta għal Regolament dwar qafas għall-Aċċess għad-*Data* Finanzjarja (minn hawn 'il quddiem "*FIDA*")⁴⁰. F'dan ir-rigward, l-

³⁸ Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE, ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35–127.

³⁹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, COM/2023/367 final.

⁴⁰ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-Aċċess għad-*Data* Finanzjarja u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 1095/2010 u (UE) 2022/2554, COM/2023/360 final.

EDPS diġà għamel rakkomandazzjonijiet speċifiċi fl-opinjonijiet preċedenti tiegħu⁴¹. Dawn irakkomandazzjonijiet, jiġifieri dwar il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn “*permess*” minn naħa waħda, mill-bażi ġuridika ta’ kunsens tal-GDPR għall-ipproċessar ta’ *data* personali min-naħa l-oħra, ikunu validi wkoll fir-rigward tal-Proposta.

37. Fl-aħħar, l-EDPS u l-EDPB jixtiequ jindikaw li l-gwida mill-Awtorità Kontra l-Ħasil tal-Flus (minn hawn’ il quddiem “*AMLA*”) u l-Awtorità Bankarja Ewropea (minn hawn’ il quddiem “*EBA*”) imsemmija fl-Artikolu 14(5) tal-Proposta għandha tiġi interpretata li tfisser li l-PSPs ma għandhomx jirreġistraw l-istatus ta’ utenti potenzjali tal-euro diġitali (eżempju bħala applikant għall-ażil jew benefiċjarju ta’ protezzjoni internazzjonali jew individwu mingħajr indirizz fiss jew ċittadin ta’ pajjiż terz li ma jingħatax *permess* ta’ residenza), peress li dan jista’ jistigmatizza lil dawk l-utenti.

7 KAPITOLU V - L-UŻU TAL-EURO DIĠITALI BĦALA MAĦŻEN TAL-VALUR U BĦALA MEZZ TA’ PAGAMENT

38. Bħala prinċipju, l-Artikolu 15(1) tal-Proposta jipprevedi li l-użu tal-euro diġitali bħala maġżen tal-valur jista’ jkun soġġett għal limiti. L-Artikolu 16(1) tal-Proposta jistabbilixxi li l-BĊE għandu jżviluppa strumenti biex jillimita l-użu tal-euro diġitali bħala maġżen tal-valur u għandu jiddeċiedi dwar il-parametri u l-użu tagħhom. L-Artikolu 35(8) tal-Proposta jipprevedi li għall-fini tal-appoġġ tal-obbligu tal-PSPs li jinfurzwaw il-limiti ta’ parteċipazzjoni f’konformità mal-Artikolu 16(1) u l-iżgurar tal-qlib ta’ emerġenza fuq talba tal-utent f’konformità mal-Artikolu 31(2), il-BĊE jista’ waħdu jew b’mod konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali jistabbilixxi punt ta’ aċċess uniku tal-identifikaturi tal-utenti tal-euro diġitali u l-limiti ta’ żamma tal-euro diġitali relatati. Barra minn hekk, l-Artikolu 35(8) jipprevedi li għandhom jiġu implimentati miżuri ta’ sigurtà u ta’ preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku sabiex jiġi żgurat li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista’ tiġi dedotta mill-informazzjoni aċċessata permezz tal-punt ta’ aċċess uniku minn entitajiet oħrajn minbarra l-PSPs li l-klijent jew il-klijent potenzjali tagħhom ikun l-utent tal-euro diġitali. Barra minn hekk, il-Premessa 77 tal-Proposta tiddikjara li punt ta’ aċċess uniku tal-identifikaturi tal-utenti tal-euro diġitali u l-limiti ta’ żamma tal-euro diġitali relatati huma meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro kollha, peress li l-utenti tal-euro diġitali jista’ jkollhom kontijiet tal-pagamenti bl-euro diġitali fi Stati Membri differenti. Meta tistabbilixxi l-punt ta’ aċċess uniku, l-Eurosistema għandha tiżgura li l-ipproċessar tad-*data* personali jiġi mminimizzat għal dak li huwa strettament meħtieġ u li l-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b’mod awtomatiku tiġi inkorporata.

39. L-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu li sabiex jiġi żgurat li l-limitu ta’ żamma ma jinqabiż mill-utent tal-euro diġitali li jista’ jkollu kontijiet tal-euro diġitali differenti ma’ PSPs differenti, ċertu grad ta’

⁴¹ L-Opinjoni 38/2023 tal-EDPS dwar il-Proposta għal Regolament dwar qafas għall-Aċċess għad-*Data* Finanzjarja, adottata fit-22 ta’ Awwissu 2023, disponibbli fuq: https://edps.europa.eu/system/files/2023-08/2023-0730_d2425_opinion_en.pdf; Opinjoni 39/2023 tal-EDPS dwar il-Proposta għal Regolament dwar is-servizzi ta’ pagament fis-suq intern u l-Proposta għal Direttiva dwar is-servizzi ta’ pagament u s-servizzi tal-flus elettroniċi fis-Suq Intern, adottata fit-22 ta’ Awwissu 2023, disponibbli fuq: https://edps.europa.eu/system/files/2023-08/2023-0729_d2434_opinion_en.pdf

pproċessar ta' *data* personali huwa inevitabbli. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li skont l-Artikolu 35(8) tal-Proposta, "[...] *il-BĊE jista' jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku waħdu jew b'mod konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali ta' identifikaturi tal-utenti tal-euro diġitali u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro kif imsemmi fil-punt (4) tal-Anness 4 [...]*". Barra minn hekk, il-Premessa 77 tirreferi għall-fatt li "[...] *[m]eta jiġi stabbilit il-punt uniku ta' aċċess, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jiżguraw li l-ipproċessar tad-*data* personali jiġi minimizzat għal dak li huwa strettament meħtieġ u li l-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku tkun inkorporata [...]*".

40. Fl-istess ħin, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Proposta ma tiċċarax biżżejjed il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-ipproċessar tad-*data* personali elenkata taħt l-Anness IV, il-punt 4. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jkomplu jlaboraw fuq il-ġustifikazzjoni tan-neċessità u l-proporzjonalità tal-punt uniku ta' aċċess fil-Premessa 77. Barra minn hekk, il-Proposta ma fihix informazzjoni dwar kif il-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku għandha tiġi implimentata f'dan ir-rigward. L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġu speċifikati aktar il-miżuri li għandhom jiġu implimentati biex jinkorporaw il-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku mill-bidu nett, inklużi l-miżuri tekniċi li jippermettu ħażna deċentralizzata⁴².
41. Barra minn hekk, il-Proposta ma hijiex ċara dwar kif id-*data* personali elenkata fl-Anness III, paragrafu 1, tkun teħtieġ li tiġi pproċessata mill-PSPs biex jinfurzar il-limiti ta' żamma fil-prattika u liema salvagwardji huma fis-seħħ għall-utenti tal-euro diġitali, bħad-dritt li joġġezzjonaw għal jew jappellaw deċiżjonijiet ibbażati fuq l-infurzar tal-limitu ta' żamma.
42. L-Artikolu 17 tal-Proposta jillimita t-tariffi li l-PSPs jistgħu jitolbu lill-utenti għall-użu ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li, meta jimmonitorja l-konformità mill-PSPs mad-dispożizzjoni, il-BĊE jista' jipproċessa *data* personali, peress li l-BĊE jkun intitolat li jitlob lill-PSPs jipprovdu "*l-informazzjoni kollha meħtieġa*" biex jinfurzar id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS iqisu li referenza wiesgħa għall-"*informazzjoni kollha meħtieġa*" jista' jkollha effetti sproporzjonati għall-ġbir ta' *data* personali fil-prattika. L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi speċifikat li l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għandha ssir f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* f'konformità mal-iskopijiet tal-ipproċessar, inkluż il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data*. It-talbiet għal informazzjoni mill-BĊE għandhom dejjem ikunu bil-miktub, immotivati u okkażjonali, u ma għandhomx jikkonċernaw is-sistema kollha ta' arkivjar jew iwasslu għall-interkonnessjoni ta' sistemi ta' arkivjar⁴³.

⁴²Filwaqt li huwa komprensibbli li l-informazzjoni biex jiġi vverifikat il-limitu ġenerali ta' żamma ta' utent tal-euro diġitali tista' tiġi minn aktar minn kont tal-euro diġitali wieħed li jappartjeni għall-istess utent, l-implimentazzjoni għandha tesplora l-għażla li jintużaw PETs li jistgħu jevitaw il-ħżin ta' *data* personali ċentralment użata biex jitwettqu komputazzjonijiet u jieħdu deċiżjonijiet rilevanti (eżempju jirrifjutaw tranżazzjoni, jew kont ġdid b'ċertu limitu ta' żamma speċifiku). F'dan ir-rigward, Komputazzjoni Sigura b'Diversi Partijiet tista' tiġi vvalutata bħala teknika possibbli (ara l-Gwida tan-NU dwar it-Teknoloġiji ta' Infurzar tal-Privatezza għall-Istatistika Uffiċjali, it-taqsima 2.1 u eżempji relatati, disponibbli fuq: <https://unstats.un.org/bigdata/task-teams/privacy/guide/index.cshtml>).

⁴³ Il-Premessa 31 tal-GDPR

8 KAPITOLU VII — KARATTERISTIĊI TEKNIĊI

8.1 Modalitajiet tal-euro diġitali offline u online

43. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-euro diġitali jkun disponibbli f'żewġ modalitajiet: verżjoni online u verżjoni offline⁴⁴. L-EDPB u l-EDPS jappoġġaw bis-sħiħ l-introduzzjoni tal-modalità offline, peress li jkollha livell ogħla ta' privatezza meta mqabbla mal-modalità online. B'mod partikolari, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-fatt li, skont l-Artikolu 23(1) tal-Proposta, l-euro diġitali se jkun disponibbli kemm għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online kif ukoll offline mill-ewwel ħruġ tal-euro diġitali.
44. Fir-rigward tal-modalità online, l-EDPB u l-EDPS jirrimarkaw li, kif speċifikat fl-Artikolu 13(6) moqri flimkien mal-Premessa 9 tal-Proposta, il-kuntratti għall-forniment ta' dawn il-kontijiet u servizzi jiġu ffirmati bejn l-utenti u l-PSPs, jiġifieri mhux bejn l-utenti u l-BĊE. Dan l-approċċ huwa milqugħ peress li jirrifletti implimentazzjoni deċentralizzata tal-euro diġitali (jiġifieri, permezz tal-PSPs), għall-kuntrarju ta' approċċ ċentralizzat, ġestit b'mod sħiħ mill-Eurosistema.
45. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li skont l-Artikolu 22(3) tal-Proposta *“kull kont ta' pagament bl-euro diġitali għandu jkollu numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali”*. Madankollu, kif diġà ġie indikat fit-Taqsima 4 ta' din l-Opinjoni, it-terminu *“numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali”* ma huwiex iddefinit fl-Artikolu 2 tal-Proposta. In-nuqqas ta' definizzjoni bħal din iqajjem mistoqsijiet fir-rigward ta': (i) min se jkun responsabbli għar-regoli biex jiġi ddefinit dan l-identifikatur; (ii) kif se jiġi ġġenerat l-identifikatur: b'mod deċentralizzat, pereżempju b'kull PSP li jiddefinixxi l-format tiegħu stess; jew b'mod aktar ċentralizzat, pereżempju mill-BĊE; u (iii) x'jiġi inkluż f'dan l-identifikatur. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li dawn l-elementi jiġu ddefiniti f'definizzjoni ġdida ta' *“numru uniku tal-kont ta' pagamenti bl-euro diġitali”* skont l-Artikolu 2 u kwalunkwe dispożizzjoni operazzjonali meħtieġa dwar il-ħruġ tiegħu fl-Artikolu 22.

8.2 Tranżazzjonijiet kundizzjonali ta' pagamenti bl-euro diġitali

46. L-EDPB u l-EDPS jisħqu dwar l-importanza li jiġi żgurat li l-euro diġitali ma jkunx *“flus programmabbli”*. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw id-distinzjoni bejn flus programmabbli, iddefiniti fil-Proposta bħala *“unitajiet ta' flus diġitali b'loġika intrinsika li tillimita l-funġibilità sħiħa ta' kull unità”*⁴⁵, u tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali kundizzjonali, mifhuma bħala tranżazzjonijiet ta' pagament ordnati awtomatikament malli jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet predefiniti (eżempju pagament bin-nifs li għandu jsir perjodikament) maqbula bejn il-pagatur u l-benefiċjarju⁴⁶.
47. Din id-distinzjoni hija prevista fl-Artikolu 24(2) tal-Proposta, dwar tranżazzjonijiet ta' pagamenti kundizzjonali, li jipprojbixxi b'mod espliċitu li l-euro diġitali jkun flus programmabbli.

⁴⁴ Artikolu 23(1) tal-Proposta.

⁴⁵ Artikolu 2(18) tal-Proposta.

⁴⁶ Artikolu 2(17) tal-Proposta.

Barra minn hekk, il-Premessa 55 tispeċifika li “[...] jenħtieġ li l-pagamenti kundizzjonali ma jkollhomx, bħala oġġett jew effett, l-użu ta’ euro diġitali bħala flus programmabbli”. Barra minn hekk, l-Artikolu 12(1) jipprevedi li l-euro diġitali jrid ikun konvertibbli b’karti tal-flus u muniti tal-euro b’parità, li għal darba oħra juri n-natura mhux programmabbli tal-euro diġitali, peress li ma jorbotx l-euro diġitali ma’ użi speċifiċi.

48. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu dawn l-ispeċifikazzjonijiet u jirrakkomandaw bil-qawwa lill-koleġiżlaturi biex iżommu dawn id-dispożizzjonijiet fil-Proposta. Tabilħaqq, minn perspettiva ta’ privatezza u protezzjoni tad-*data*, euro diġitali programmabbli joħloq riskji għoljin inaċċettabbli għall-protezzjoni tad-*data*. Pereżempju, dan jista’ jippermetti li jiġu inferiti d-drawwiet tal-infiq tal-utent tal-euro diġitali, diġà fil-mument tal-ħruġ tal-euro diġitali jew iwassal għall-introduzzjoni ta’ mekkaniżmi addizzjonali biex jiġi żgurat li l-istruzzjonijiet li jillimitaw l-użu tal-euro diġitali ma jiġux evitati mill-utenti.

8.3 Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali

49. Biex jaċċessaw u jużaw servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali, il-Proposta tippermetti lill-utenti tal-euro diġitali jiddependu fuq servizzi front-end żviluppati mill-PSPs u l-BĊE⁴⁷. Dawn is-servizzi front-end huma ddefiniti bħala “l-komponenti kollha neċessarji sabiex jiġu pprovduti servizzi lill-utenti tal-euro diġitali li jinteraġixxu permezz ta’ interfaċċi definiti b’soluzzjonijiet tal-back-end u servizzi front-end oħrajn”⁴⁸. Dawn is-servizzi front-end “[...] għandhom ikunu interoperabbli ma’ jew integrati fil-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali”, u l-funzjonalitajiet ta’ dawn tal-aħħar jistgħu jiġu invokati b’mod aktar wiesa’ mill-utenti tal-euro diġitali li jitolbuha⁴⁹.
50. L-EDPB u l-EDPS ifakkru li l-implimentazzjoni teknika prevista⁵⁰ tal-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali li bħalissa qed tiġi nneozjata⁵¹ se tiddetermina fl-aħħar mill-aħħar jekk għandhomx jiġu integrati salvagwardji addizzjonali għall-protezzjoni tad-*data* jew jekk it-tfassil tagħha huwiex se jsir f’konformità mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*⁵².
51. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-identifikazzjoni xierqa tal-utent tal-kont tal-euro diġitali għandha ssir mill-PSPs b’verifiki xierqa tal-għarfien tal-klijenti fl-istadju tal-on-boarding, li għalih jistgħu jintużaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu li l-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għal dak il-għan iseħħ biss, skont l-Artikolu 25(2) tal-Proposta, fuq talba tal-utenti tal-euro diġitali u mhux b’mod awtomatiku, f’konformità mal-prinċipju ewlieni

⁴⁷ Artikolu 28(1) tal-Proposta. Il-paragrafu 2 iżid li l-BĊE ma għandu jkollu aċċess għall-ebda *data* personali fir-rigward tas-servizzi front-end żviluppati mill-BĊE u użati mill-PSPs.

⁴⁸ Artikolu 2(20) tal-Proposta.

⁴⁹ Artikolu 25(1) u (2) tal-Proposta.

⁵⁰ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/eudi-wallet-implementation>.

⁵¹ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_23_3556.

⁵² EDPS, Kummenti formali dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta’ qafas għal Identità Diġitali Ewropea, 21 ta’ Lulju 2021, paġna 2, disponibbli fuq: https://edps.europa.eu/system/files/2021-07/21-07-28_formal_comments_2021-0598_d-1609_european_digital_identity_en.pdf

tal-protezzjoni tad-*data* tal-minimizzazzjoni tad-*data* u l-obbligu għall-kontrolluri li jiżguraw il-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku⁵³.

8.4 Saldu

52. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li s-saldu finali tat-tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali jitwettaq fl-infrastruttura tas-saldu bl-euro diġitali adottata mill-Eurosistema⁵⁴. Dan huwa approċċ differenti meta mqabbel mas-saldu ta' tranżazzjonijiet f'pagamenti privati elettroniċi, li jsir bejn istituzzjonijiet ta' pagament b'mod deċentralizzat u fejn l-Eurosistema m'għandhiex aċċess għat-tranżazzjonijiet ta' pagament. L-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu li s-saldu fil-livell makro ta' tranżazzjonijiet online bl-euro diġitali għandu jitwettaq mill-BĊE, peress li euro diġitali mhux iddepożitati fil-livell tal-bank, huma obbligazzjoni diretta lejn il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali⁵⁵, u għalhekk jeħtieġu reġistru fil-livell tal-BĊE.
53. Fl-istess ħin, l-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw li l-infrastruttura tas-saldu adottata mill-BĊE taħżen *data* dwar l-individwi kollha li jużaw l-euro diġitali online b'mod ċentralizzat u tinkludi informazzjoni sensittiva, bħall-awtentikazzjoni tal-utent⁵⁶. Minħabba l-iskala tagħha u n-natura tad-*data* maħżuna b'mod ċentralizzat, il-konsegwenzi ta' kwalunkwe ksur tad-*data* jista' jagħmel ħsara potenzjali lil għadd kbir ta' individwi. L-EDPB u l-EDPS huma lesti li jassistu fil-valutazzjoni tas-salvagwardji xierqa li għandhom jiġu implimentati f'dan ir-rigward.
54. F'dan l-isfond, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-Premessa 71 tal-Proposta li tispjefika li “[...] *jenħtieġ li s-saldu ta' tranżazzjonijiet tal-euro diġitali jkun imfassal b'tali mod li la l-Bank Ċentrali Ewropew u lanqas il-banek ċentrali nazzjonali ma jkun jistgħu jattribwixxu data għal utent tal-euro diġitali identifikat jew identifikabbli*”. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu wkoll il-Premessa 76, li tispjefika li “[l]-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipproċessaw data personali sa kemm ikun neċessarju sabiex jitwettqu kompiti li jkun essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-euro diġitali”. Fl-istess ħin, l-EDPB u l-EDPS jindikaw li l-Proposta ma tistabbilix obbligu vinkolanti li jiżgura l-pseudonimizzazzjoni tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet *vis-à-vis* il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali. L-EDPB u l-EDPS għalhekk jirrakkomandaw l-introduzzjoni ta' obbligu espliċitu biex tiġi pseudonimizzata d-*data* ta' tranżazzjoni fil-konfront tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali fit-termini ta' promulgazzjoni tal-Proposta, minflok ma jirreferu għaliha biss fil-Premessa 76 tal-Proposta.

8.5 Mekkaniżmu ġenerali għad-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi

55. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Artikolu 32(1) tal-Proposta jirreferi għal mekkaniżmu għad-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi (minn hawn 'il quddiem il-“FDPM”) li l-BĊE jista' jagħżel li jistabbilixxi biex jiffaċilita l-kompiti għad-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi li l-PSPs jeħtieġilhom iwettqu skont id-Direttiva 2015/2366 “[...] *biex jiżgura l-funzjonament bla xkiel u effiċjenti tal-*

⁵³ L-Artikoli 5(1)(c) u 25(1) u (2) tal-GDPR.

⁵⁴ L-Artikolu 30(2) u l-Premessa 64 tal-Proposta.

⁵⁵ Premessa 9 tal-Proposta.

⁵⁶ Il-punt 2 tal-Anness IV li jakkumpanja l-Proposta.

euro diġitali". Il-FDPM jista' jiġi operat jew direttament mill-BĊE jew mill-PSSs innominati mill-BĊE. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw b'mod pożittiv li l-Artikolu 32(2) jistabbilixxi dmir għall-BĊE li jikkonsulta lill-EDPS qabel ma jiżviluppa d-dettalji dwar l-elementi operazzjonali ta' FDPM.

56. Skont l-Artikolu 32(3) il-FDPM għandu: *"jivvaluta l-iskopertura għar-riskju ta' frodi ta-tranżazzjonijiet online bl-euro diġitali f'ħin reali fl-użu esklużiv tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament qabel ma t-tranżazzjoni tiġi introdotta fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali"*⁵⁷ u *"jappoġġa lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fl-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet frawdolenti fi tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali li jkunu ġew saldati"*⁵⁸.
57. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li l-PSPs diġà jwettqu attivitajiet ta' detezzjoni tal-frodi, b'mod partikolari fil-qafas tal-obbligi legali tagħhom skont il-PSD2⁵⁹. Barra minn hekk, l-Artikolu 32(1) jiddikjara li l-PSPs għandhom iwettqu wkoll dawn l-attivitajiet ta' detezzjoni ta' frodi fil-kuntest tal-euro diġitali. Fl-istess ħin, il-Premessa 68 tispjega li l-FDPM previst huwa meħtieġa għaliex *"[...] dan [id-detezzjoni f'waqtha tal-frodi] jista' jsir aktar effettiv b'informazzjoni dwar attività potenzjalment frodulenti li tirriżulta minn fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament."* L-istess Premessa żżid ukoll li: *"Din il-funzjoni ġenerali ta' detezzjoni tal-frodi teżisti fi skemi ta' pagament komparabbli u hija meħtieġa biex jinkisbu rati ta' frodi baxxi b'mod ċar sabiex l-euro diġitali jinżamm sigur kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozjanti"*.
58. L-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu li l-istabbiliment tal-FDPM jista' jagħmel id-detezzjoni f'waqtha tal-frodi *"aktar effettiva"*. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-fatt li d-detezzjoni f'waqtha ta' frodi ssir aktar effettiva minnu nnifsu ma huwiex biżżejjed biex jirrendi l-interferenza mad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* li s-sistema prevista tkun teħtieġ fid-dawl tal-Karta. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Proposta ma tipprevedix regoli ċari u preċiżi li jirregolaw l-ambitu u l-applikazzjoni tal-FDPM previst, inkluż fir-rigward tan-natura tal-appoġġ li għandu jiġi pprovdut mill-BĊE lill-PSPs. Pereżempju, il-Premessa 68 tidher li timplika li l-FDPM ikollu rwol komparabbli għal funzjoni ġenerali li teżisti fi skemi ta' pagament oħrajn. Madankollu, l-Artikolu 32 tal-Proposta ma jagħmilx distinzjoni bejn ir-rwol u l-kompiti tal-BĊE bħala l-awtorità inkarigata mill-monitoraġġ tal-iskema ġenerali biex tissorvelja l-prestazzjoni ta' attivitajiet kontra l-frodi, minn naħa waħda, u mir-rwol u l-kompiti tal-PSPs, min-naħa l-oħra. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li l-Artikolu 32 tal-Proposta huwa nieqes mill-prevedibbiltà, jimmina ċ-ċertezza legali u l-kapaċità li tiġi vvalutata l-ħtieġa li tiġi stabbilita din il-miżura, li hija rekwiżit meħtieġ għal kull limitazzjoni għad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta.
59. Barra minn hekk, filwaqt li l-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu li jeżistu funzjonijiet ġenerali ta' detezzjoni ta' frodi fl-iskemi ta' pagament kummerċjali kif issottolinjat fil-Premessa 68, l-EDPB

⁵⁷ COM (2023) 369 final, l-Artikolu 32(3)(a).

⁵⁸ COM (2023) 369 final, l-Artikolu 32(3)(b).

⁵⁹ Ara l-Artikolu 72(2) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (Test b'relevanza għaż-ŻEE)
ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35–127.

u l-EDPS ifakkru li dawn l-attivitajiet huma msejsa fuq l-użu ta' diversi teknoloġiji, minn soluzzjonijiet tradizzjonali li jiddependu fuq detezzjoni ta' frodi bbażata fuq ir-regoli sa sistemi bbażati fuq analiżi f'ħin reali, tagħlim mill-magni kif ukoll intelliġenza artifiċjali, li kollha jirrikjedu l-ipproċessar ta' ammonti kbar ta' *data* personali⁶⁰. Konsegwentement, l-iżgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali f'dan il-kuntest jirrikjedi kunsiderazzjoni bir-reqqa dwar in-neċessità u l-proporzjonalità tal-ipproċessar tad-*data* personali mwettaq, kif ukoll salvagwardji robusti. Din il-valutazzjoni hija aktar u aktar importanti meta tiġi meqjusa sistema b'ħall-FDPM previst.

60. B'ħala konklużjoni, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Proposta ma turix b'mod suffiċjenti l-ħtieġa li l-BĊE jistabbilixxi FDPM ġenerali operat mill-BĊE u li jiġu pprovduti s-salvagwardji xierqa meħtieġa biex l-ipproċessar isir konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jistiednu lill-koleġiżlaturi biex ikomplu juru din in-neċessità jew, jekk din in-neċessità ma tintweriex, iqisu miżuri anqas intrużivi mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-*data*. Fl-eventwalità li tintwera l-ħtieġa ta' dan il-mekkaniżmu, għandhom jiġu ddefiniti salvagwardji speċifiċi, inkluż fir-rigward tal-limitazzjoni ta' ħin xierqa, biex jiġi żgurat li l-mekkaniżmi kontra l-frodi ma jirriżultawx f'interferenza eċċessiva u sproporzjonata mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali tal-individwi⁶¹.
61. Fl-aħħar, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-FDPM previst ikun soġġetta għal għadd ta' limitazzjonijiet u salvagwardji, inkluż il-fatt li l-PSPs ikunu obbligati li "[...] *jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw li s-servizz ta' appoġġ ma jkunx jista' jidentifika direttament l-utenti tal-euro diġitali abbażi tal-informazzjoni pprovduta lill-mekkaniżmu għad-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi*"⁶². Bl-istess mod, meta l-BĊE jiddeċiedi li ma jagħtix il-kompiti relatati mal-FDPM lill-PSSs, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali ma għandhomx jidentifikaw direttament utenti tal-euro diġitali individwali.⁶³ Fl-istess ħin, il-Premessa 68 tispjega li t-trasferiment ta' informazzjoni bejn il-PSPs u l-FDPM għandu jkun soġġett għal miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell sabiex jiġi żgurat li l-utenti individwali tal-euro diġitali ma jiġux identifikati mill-FDPM.
62. Minkejja l-ħtieġa li jiġu ssostanzjati aktar in-neċessità u l-proporzjonalità tal-FDPM kif deskritt hawn fuq, l-EDPB u l-EDPS iqisu wkoll li la l-PSSs u lanqas il-BĊE jew il-banek ċentrali nazzjonali ma għandhom ikunu kapaċi jidentifikaw l-utenti tal-euro diġitali abbażi tal-informazzjoni pprovduta lill-FDPM, f'konformità mad-definizzjoni ta' pseudonimizzazzjoni fl-Artikolu 4(5) tal-GDPR. Għalhekk, l-Artikolu 32(4) u 35(7) tal-Proposta għandu jiġi emendat f'konformità mad-definizzjoni ta' pseudonimizzazzjoni fl-Artikolu 4(5) tal-GDPR billi jiddikjara li l-PSPs, minn naħa, u l-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali min-naħa l-oħra, għandhom jimplimentaw miżuri

⁶⁰ Pereżempju, skemi internazzjonali ta' kards privati joperaw mekkaniżmi ġenerali ta' detezzjoni tal-frodi li jipproċessaw firxa wiesgħa ta' *data* personali inkluża bijometrika komportamentali li tintuża biex jiġu analizzati x-xejriet tal-imġiba tal-konsumatur sabiex tiġi identifikata l-frodi.

⁶¹ B'mod partikolari, l-iżvilupp rapidu ta' teknoloġiji b'ħall-computing kunfidenzjali u l-kriptaġġ omomorfu jista' jippermetti l-implimentazzjoni ta' identifikaturi dinamiċi li ja jimplikaw l-identifikazzjoni ta' utenti individwali tal-euro diġitali, u lanqas it-tfassil ta' profili individwali tagħhom, fil-livell tal-FDPM.

⁶² L-Artikolu 32(4) tal-Proposta.

⁶³ L-Artikolu 35(7) tal-Proposta.

tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw li l-ipproċessar ta' *data* personali jitwettaq b'mod li d-*data* personali ma tkunx tista' tiġi attribwita lil utent individwali tal-euro diġitali mingħajr l-użu ta' informazzjoni addizzjonali. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġu adottati l-aktar PETs xierqa, li jiżguraw l-oġġla livell ta' protezzjoni mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-*data* filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet rilevanti tal-utilità u tal-iskalabbiltà.

9 IĊ-ĊIBERSIGURTÀ U R-REŻILJENZA OPERAZZJONALI

63. L-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu r-riskji potenzjali li l-pagamenti bl-euro diġitali jiffaċċjaw minn perspettiva tal-IT u taċ-ċibersigurtà. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS ifakkru, kif enfasizzat fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Proposta⁶⁴, li l-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Digitali⁶⁵ jkun applikabbli għall-PSPs u l-PSSs u li l-Eurosistema hija mistennija tkun soġġetta għar-Regolament il-ġdid dwar iċ-Ċibersigurtà⁶⁶, li bħalissa qed jiġi nnegożjat.
64. Għaldaqstant, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li tiġi inkluża referenza għall-qafas ġuridiku applikabbli taċ-ċibersigurtà fi premessa.
65. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' liġi ġenerali dwar iċ-ċibersigurtà li tapplika għall-atturi rilevanti kollha, l-EDPB u l-EDPS ifakkru li huwa importanti li jiġi żgurat approċċ konsistenti bejn, minn naħa waħda, is-sigurtà u r-reżiljenza operazzjonali tal-infrastruttura tal-euro diġitali u, min-naħa l-oħra, tal-infrastruttura tal-PSPs. Barra minn hekk, kwalunkwe dispożizzjoni ta' livell għoli dwar iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza operazzjonali li tkun speċifika għall-infrastruttura tal-euro diġitali, u li ma tkunx koperta mill-qafas taċ-ċibersigurtà msemmi hawn fuq (bħal kwalunkwe referenza possibbli għaċ-ċertifikazzjoni), għandha tiġi inkluża fit-termini ta' promulgazzjoni ta' din il-Proposta.

10 KAPITOLU VIII — IL-PRIVATEZZA U L-PROTEZZJONI TAD-DATA

66. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-oġġettiv espress fil-Premessa 70 tal-Proposta, filwaqt li jfakkru li-ħtieġa li jiġi stabbilit livell għoli ta' privatezza u protezzjoni tad-*data* biex tiġi żgurata l-fiduċja tal-Ewropej f'euro diġitali futur u r-realizzazzjoni ta' drittijiet u libertajiet oħrajn minquxa fil-Karta. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS ifakkru li, biex jintlaħaq dan l-oġġettiv, il-leġiżlazzjoni għandha tindirizza b'mod speċifiku u ċar l-aspetti tal-protezzjoni tad-*data* personali tal-euro digitali⁶⁷.

⁶⁴ SWD(2023) 233 final, p. 87.

⁶⁵ Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011, PE/41/2022/INIT, ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1–79

⁶⁶ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni, COM (2022) 122 final.

⁶⁷ Id-Dikjarazzjoni 04/2022 tal-EDPB dwar l-għażliet tad-disinn għal euro diġitali mill-perspettiva tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data*, adottata fl-10 ta' Ottubru 2022, disponibbli fuq: https://edpb.europa.eu/system/files/2022-10/edpb_statement_20221010_digital_euro_en.pdf

67. F'dan il-kuntest, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-istabbiliment tal-finijiet li għalihom l-ipproċessar ta' *data* personali jista' jitwettaq għall-forniment tal-euro diġitali fil-Kapitolu VIII. Dan il-Kapitolu għandu wkoll l-għan li jiddefinixxi r-responsabbiltajiet rispettivi tal-PSPs, tal-BĊE u/jew tal-banek ċentrali nazzjonali, u, fejn xieraq, tal-PSSs għall-operazzjonijiet ta' pproċessar. Madankollu, kif indikat aktar 'l isfel⁶⁸, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-koleġiżlaturi għandhom jipprovdu aktar kjarifiki dwar dawn l-aspetti kif ukoll dwar il-bażijiet ġuridiċi applikabbli għal dawn l-operazzjonijiet ta' pproċessar.
68. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-approċċ segwit mill-Proposta, li għandu l-għan li jirregola l-kategoriji ta' *data* personali li jistgħu jiġu pproċessati minn kull wieħed mill-atturi li jieħdu sehem fil-ħruġ ta' euro diġitali fl-Annessi li jakkumpanjaw il-Proposta. Fl-istess ħin, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li dawn l-Annessi mhux dejjem jelenkaw b'mod eżawrjenti t-tipi ta' *data* personali li għandhom jiġu pproċessati, u b'hekk jimminaw iċ-ċertezza ġuridika. L-EDPB u l-EDPS jistiednu lill-koleġiżlaturi jispeċifikaw aktar dawn il-listi - kull fejn ikun possibbli billi jqisu l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, u r-rispett għall-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* u l-obbligu tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku.

10.1 L-Artikolu 34: Ipproċessar mill-Fornituri ta' Servizzi ta' Pagament

69. L-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu li l-Artikolu 34(1) tal-Proposta għandu l-għan li jiddefinixxi l-iskopijiet li għalihom il-PSPs se jipproċessaw id-*data* personali meta jipprovdu servizzi relatati mal-euro diġitali. Madankollu, ir-referenza għall-kelma "*inkluż*" fl-Artikolu 34(1)(a) u (c) tal-Proposta tqajjem inċertezza ġuridika fir-rigward tal-iskopijiet eżatti li għalihom il-PSPs jistgħu jipproċessaw id-*data* personali. L-EDPB u l-EDPS iqisu li l-għanijiet ma għandhomx jiġu espressi f'termini ġenerali, iżda pjuttost b'mod ċar u preċiż u jkunu konnessi b'mod oġġettiv mal-kompiti fdati lilhom skont il-Proposta. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-Artikolu 34(1)(a) u (c) jirreferi b'mod eżawrjenti għall-kompiti rilevanti fdati lill-PSPs li għalihom tista' tiġi pproċessata *data* personali skont il-Proposta.

Il-bażijiet ġuridiċi applikabbli għall-ipproċessar imwettaq mill-PSPs

70. L-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Proposta ma hijiex ċara biżżejjed dwar liema bażi ġuridika se jiddependu fuqha l-PSPs għall-ipproċessar imwettaq għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 34(1) tal-Proposta, peress li tinkludi referenzi għad-dipendenza kemm fuq l-interess pubbliku kif ukoll fuq l-obbligu ġuridiku. B'mod partikolari, il-Proposta tiddikjara li l-kompiti elenkati fl-Artikolu 34(1) tal-Proposta għandhom jitwettqu mill-PSPs "*fl-interess pubbliku*" li jimplika li l-PSPs qed iwettqu kompitu fl-interess pubbliku f'konformità mal-Artikolu 6(1)(e) tal-GDPR, meta jipproċessaw id-*data* personali tal-utenti għall-finijiet elenkati fl-Artikolu 34 tal-Proposta. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li filwaqt li l-Premessa 73 tal-Proposta tirreferi b'mod espliċitu għall-Artikolu 6(1)(c) tal-GDPR u tirrikonoxxi li l-ipproċessar imwettaq mill-PSPs huwa "*neċessarju*" għall-konformità ma' *obbligu legali li għalih ikun soġġett il-kontrollur skont dan ir-Regolament*", hija tiddikjara wkoll li l-ipproċessar ta' *data* personali għall-finijiet tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 34(1)(a) sa (c) huwa "*kompiti fl-interess pubbliku li huma essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini li jagħmlu użu mill-euro diġitali kif ukoll għall-istabbiltà u għall-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni*". B'kuntrast ma' dan, il-Premessa 73 tal-

⁶⁸ Ara l-paragrafi 74-76, 81, 85 u 86 hawn taħt.

Proposta tispeċifika li l-PSPs jistgħu jipproċessaw ukoll *data* personali biex jikkonformaw mal-kompiti eżistenti fl-interess pubbliku jew għall-konformità ma' obbligu ġuridiku stabbilit fil-liġi tal-Unjoni.

71. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jixtiequ jtennu li, skont il-GDPR, l-ipproċessar ta' *data* personali huwa legali biss jekk u sal-punt li tapplika bażi ġuridika adegwata skont l-Artikolu 6(1) tal-GDPR u l-applikazzjoni ta' waħda minn dawn is-sitt bażijiet trid tiġi stabbilita qabel il-bidu ta' attività ta' pproċessar u fir-rigward ta' skop speċifiku⁶⁹. B'mod partikolari, filwaqt li l-EDPB u l-EDPS jifhmu l-fehma tal-Kummissjoni li l-euro diġitali huwa komodità pubblika ta' għid komuni, l-EDPB u l-EDPS huma tal-opinjoni li, sa fejn l-iskopijiet elenkati fl-Artikolu 34(1)(a) sa (c) tal-Proposta jirriżultaw minn obbligi ġuridiċi li għalihom huma soġġetti l-PSPs skont din il-Proposta⁷⁰, l-Artikolu 6(1)(c) tal-GDPR jidher li huwa l-aktar bażi rilevanti għal dawn l-attivitàjiet ta' pproċessar. L-EDPB u l-EDPS għalhekk jirrakkomandaw li l-koleġiżlaturi jiċċaraw fil-Premessa 73 u l-Artikolu 34 tal-Proposta li l-ipproċessar li għandu jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 34(1)(a) sa (c) tal-Proposta jitwettaq abbażi ta' obbligu ġuridiku (l-Artikolu 6(1)(c) tal-GDPR).
72. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi ċċarat fil-Premessa 73 u fl-Artikolu 34 tal-Proposta li l-attivitàjiet ta' pproċessar imwettqa f'konformità mal-Artikolu 34(1)(d) u (e) tal-Proposta jitwettqu abbażi ta' obbligu ġuridiku (l-Artikolu 6(1)(c) tal-GDPR) peress li din hija l-aktar bażi ġuridika xierqa meta jitqies li l-ipproċessar għal dawn il-finijiet huwa meħtieġ mill-lijijiet tal-Unjoni.
73. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jixtiequ jiċċaraw li l-bażi ġuridika speċifikata fl-Artikolu 34 ma għandhiex tapplika għas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali żviluppata u pprovduti mill-PSPs minbarra s-servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali⁷¹, li għalihom japplikaw l-Artikolu 6(1)(b) tal-GDPR jew l-Artikolu 6(1)(a) tal-GDPR, meta jitqies li dawn is-servizzi huma soġġetti għad-Direttiva 2015/2366⁷².

⁶⁹ Il-Linji Gwida 05/2020 tal-EDPB dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, adottati fl-4 ta' Mejju 2020, il-paragrafu 121, disponibbli fuq: https://edpb.europa.eu/sites/default/files/files/file1/edpb_guidelines_202005_consent_en.pdf (li jagħmel ukoll referenza fin-nota 59 f'qiegħ il-paġna għall-fatt li l-kontrolluri huma meħtieġa jinformati lis-suġġetti tad-*data* dwar il-bażi ġuridika li jiddependu fuqha għal kull ipproċessar skont l-Artikoli 13(1)(c) tal-GDPR u 14(1)(c) tal-GDPR).

⁷⁰ Ara pereżempju, l-użu tat-terminu "*għandhom*" fl-Artikolu 13(2) ("[PSPs] [...] *għandhom* jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom"), (3) ("[PSPs] *għandhom* jagħmlu disponibbli l-funzjonalitajiet ta' finanzjament u ta' deffinanzjament"), (4) ("[PSPs] [...] *għandhom* jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali [...]"), l-Artikolu 16(1) ("[PSPs] [...] *għandhom* japplikaw dawn il-limiti għall-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali") tal-Proposta, kif ukoll fl-Artikolu 23(1) ("l-euro diġitali *għandu* jkun disponibbli kemm għat-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online kif ukoll għal dawk offline"), l-Artikolu 30(3) tal-Proposta ("saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali *għandu* jseħħ fil-mument meta jiġu aġġornati r-rekords tal-ammonti miżmumin tal-euro diġitali kkonċernati fl-apparati għall-ħżin lokali tal-pagatur u tal-prenditur") (enfasi miżjuda).

⁷¹ F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li skont il-Premessa 30, in-natura eżatta ta' dawn is-servizzi se tiġi żviluppata mill-PSPs, u għalhekk ma humiex iddefiniti fil-Proposta.

⁷² Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1)(b) u 6(1)(1)(a) tal-GDPR, nirreferu għal-Linji Gwida tal-EDPB 06/2020 dwar l-interazzjoni tat-Tieni Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament u l-GDPR, adottati fil-15 ta' Diċembru 2020, disponibbli

It-tipi ta' data personali pproċessati mill-PSPs

74. L-Artikolu 34(2) tal-Proposta jikkjarifika l-kategoriji ta' *data* personali li għandha tiġi pproċessata għall-finijiet elenkati taħt l-Artikolu 34(1)(a) sa (c), li huma msemmija fl-Anness III tal-Proposta. L-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Anness III jibbenefika minn speċifikazzjoni ulterjuri fir-rigward tat-tip eżatt ta' *data* li tista' tiġi pproċessata mill-PSPs. Definizzjoni ċara tat-tipi ta' *data* personali hija aktar u aktar importanti peress li, biex il-bażi ġuridika msemmija fl-Artikolu 6(1)(c) tal-GDPR tkun valida, l-obbligu ġuridiku nnifsu jrid ikun preċiż, irid ikollu bażi ċara biżżejjed fil-liġi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali li jirrikjedi, u l-kontrollur ma jeħtieġlux li jkollu diskrezzjoni bla bżonn fir-rigward ta' kif jikkonforma ma' dan l-obbligu ġuridiku.⁷³
75. B'mod partikolari, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw lill-koleġiżlaturi biex jispeċifikaw aktar it-tipi ta' *data* personali li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' *data* li ġejjin:
- *"l-identifikatur tal-utent"* fl-Anness III, 1, il-punt (i), li għalih l-Anness III, 3, (i) jindika li jista' jinkludi, iżda ma huwiex limitat għal, *"l-isem tad-detenturi tal-apparat għall-ħżin lokali"*⁷⁴. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li t-terminu *"identifikatur tal-utent"* jintuża wkoll fl-Anness III, 3, il-punt (i), li japplika għall-ipproċessar għall-forniment ta' euro diġitali offline (l-Artikolu 34(1)(c)). Madankollu, skont l-Artikolu 2(27), *"identifikatur tal-utent tfisser identifikatur uniku maħluq minn fornitur ta' servizzi ta' pagament [...] għal finijiet tal-euro diġitali online, [...]"*, li jidher li huwa f'kontradizzjoni mal-użu ta' dan it-terminu fl-Anness III, 3, il-punt (i).
 - *"informazzjoni dwar il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali"* fl-Anness III, 1, il-punt (iii). Filwaqt li l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li dan jista' jinkludi *"informazzjoni dwar l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin tal-utent tal-euro diġitali u n-numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali"*, l-Anness III, 1, il-punt (iii) ma jipprovdi biżżejjed ċarezza dwar x'tipi oħrajn ta' *data* personali jaqgħu f'din il-kategorija;
 - *"informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online"* fl-Anness III, 1, il-punt (iv). Filwaqt li l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li jista' jinkludi *"l-identifikatur tat-tranżazzjoni u l-ammont tat-tranżazzjoni"*, l-Anness III, 1, il-punt (iv) ma jipprovdi biżżejjed ċarezza dwar x'tipi oħrajn ta' *data* personali jaqgħu taħt din il-kategorija;
 - *"numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali"* fl-Anness III, 2, il-punt (iii). Meta jitqies li ma hija pprovduta l-ebda definizzjoni skont l-Artikolu 2 tal-Proposta⁷⁵, ma huwiex ċar x'jiġi inkluż f'dan l-identifikatur, u lanqas kif u minn min jiġi ġġenerat (jiġifieri, jekk hux b'mod deċentralizzat b'kull PSP jiddefinixxi l-format tiegħu stess jew b'mod aktar ċentralizzat, mill-BĊE).
76. Fl-aħħar, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw in-nuqqas tal-kategoriji u t-tipi ta' *data* personali elenkati għall-finijiet elenkati fl-Artikolu 34(1)(d) u (e), u jirrakkomandaw li l-koleġiżlaturi jelaboraw aktar fuq listi ta' kategoriji u tipi speċifiċi ta' *data* personali li għandha tiġi pproċessata għal dawn il-finijiet fl-Anness III.

fuq:https://edpb.europa.eu/sites/default/files/files/file1/edpb_guidelines_202006_psd2_afterpublicconsultation_en.pdf

⁷³ Ara l-Artikolu 6(1)(c), l-Artikolu 6(3)(a) u l-Premessa 41 tal-GDPR

⁷⁴ Ara t-Taqsima 4 ta' din l-Opinjoni

⁷⁵ Ara t-Taqsima 4 ta' din l-Opinjoni.

Il-kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-PSPs

77. Skont l-Artikolu 34(3) tal-Proposta, il-PSPs jeħtiġilhom jitqiesu bħala l-kontrolluri għall-ipproċessar tad-*data* personali mwettaq għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 34(1) tal-Proposta. Il-Proposta tispeċifika wkoll li, meta kont ta' pagament bl-euro diġitali miżmum minn PSP wieħed ikun marbut ma' kont ta' pagament mhux bl-euro diġitali miżmum minn PSP ieħor f'konformità mal-Artikolu 13(4) tal-Proposta, dawn il-PSPs jeħtiġilhom ikunu kontrolluri konġunti. L-EDPB u l-EDPS jixtiequ jfakkru li, f'konformità mal-Artikolu 26(1) tal-GDPR, finnuqqas ta' responsabbiltajiet rispettivi ddeterminati fil-kuntest ta' din il-Proposta, se jkun f'idejn il-kontrolluri konġunti li jiddeterminaw ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom fir-rigward ta' dan l-ipproċessar, b'mod partikolari fir-rigward tal-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* u l-obbligi li tiġi pprovduta informazzjoni skont l-Artikoli 13 u 14 tal-GDPR.⁷⁶

L-obbligi li jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa mill-PSPs

78. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-introduzzjoni fl-Artikolu 34(4) tal-Proposta tal-obbligu għall-PSPs li jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, sabiex kwalunkwe *data* personali trażmessa lill-BĊE jew lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-PSSs ma tkunx tista' tidentifika direttament utenti individwali tal-euro diġitali. Madankollu, biex jissaħħaħ dan l-obbligu, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi speċifikat li dawn il-miżuri għandhom jiżguraw li d-*data* personali tiġi psewdonimizzata b'mod li din id-*data* ma tkunx tista' tibqa' tiġi attribwita mill-BĊE jew mill-banek ċentrali nazzjonali lil utent individwali tal-euro diġitali mingħajr l-użu ta' informazzjoni addizzjonali.

10.2 L-Artikolu 35: L-ipproċessar ta' *data* personali mill-BĊE jew mill-banek ċentrali nazzjonali

Il-bażi ġuridika applikabbli għall-ipproċessar imwettaq mill-BĊE jew mill-banek ċentrali nazzjonali

79. L-Artikolu 35 tal-Proposta jiddefinixxi l-kompiti li għalihom il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipproċessaw *data* personali biex iwettqu *kompitu "fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali"*. Madankollu, il-Proposta ma tagħmilx referenza espliċita għall-bażi ġuridika li taħtha jiddependu minnha għall-ipproċessar imwettaq għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 35(1) tal-Proposta. Skont l-EDPB u l-EDPS, l-ipproċessar elenkat fl-Artikolu 35(1) tal-Proposta jista' jitwettaq mill-BĊE u mill-banek ċentrali nazzjonali fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali. Sabiex tiġi ċċarata l-bażi ġuridika għall-ipproċessar imwettaq mill-BĊE, l-EDPB u l-EDPS għalhekk jirrakkomandaw lill-koleġiżlaturi jirreferu b'mod aktar espliċitu għall-Artikolu 6(1)(e) tal-GDPR u għall-Artikolu 5(1)(a) tal-EUDPR fil-Premessa 76 tal-Proposta.

⁷⁶ Ara l-Linji Gwida 07/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur, adottati fis-7 ta' Lulju 2021, il-paragrafi 161-170, disponibbli fuq: https://edpb.europa.eu/system/files/2023-10/EDPB_guidelines_202007_controller_processor_final_en.pdf

Il-kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-PSPs u l-BĊE jew il-banek ċentrali nazzjonali

80. L-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu li l-BĊE jew il-banek ċentrali nazzjonali u l-PSPs huma meqjusa bħala kontrolluri separati meta d-*data* personali tiġi trażmessa mill-PSPs lill-BĊE jew lill-banek ċentrali nazzjonali għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont l-Artikolu 35(1) tal-Proposta. Filwaqt li jinnottaw li l-utenti tal-euro diġitali se jidħlu biss f' relazzjoni kuntrattwali mal-PSPs (l-Artikolu 13 tal-Proposta), l-EDPB u l-EDPS jixtiequ jissottolinjaw li din il-kwalifika tqajjem il-kwistjoni ta' kif l-obbligu ta' trasparenza u l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* se jiġi żgurat mill-BĊE jew mill-banek ċentrali nazzjonali meta jipproċessaw *data* personali għall-finijiet elenkati fl-Artikolu 35(1) tal-Proposta. B'mod partikolari, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-kooperazzjoni bejn il-PSPs u l-BĊE jew il-banek ċentrali nazzjonali dwar din il-kwistjoni se tkun essenzjali biex tiġi żgurata l-effettività tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* kif meħtieġ mill-GDPR, u b'hekk jinbena l-livell għoli ta' fiduċja mfittex fil-Proposta.

It-tipi ta' data personali pproċessata mill-BĊE jew mill-banek ċentrali nazzjonali

81. L-Artikolu 35(2) tal-Proposta jirreferi għal kategoriji ta' *data* personali elenkati fl-Anness IV li jistgħu jiġu pproċessati mill-BĊE u mill-banek ċentrali nazzjonali għall-finijiet elenkati fl-Artikolu 35(1). Fl-istess ħin, l-Anness IV ma jelenkax b'mod eżawrjenti t-tip ta' *data* personali li għandha tiġi pproċessata mill-BĊE jew mill-banek ċentrali nazzjonali, iżda juriha b'mod mhux eżawrjenti billi juża t-terminu "*inkluż*". L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li t-tip ta' *data* personali jiġi elenkat b'mod eżawrjenti minflok tintuża l-kelma "*inkluż*" b'mod partikolari fir-rigward ta':
- l-Anness IV, 1, il-punt (ii), li jirreferi għall-ipproċessar ta' "informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online, l-informazzjoni marbuta ma' numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali, inkluż l-ammont tat-tranżazzjoni".
 - l-Anness IV, 3, li jirreferi għall-ipproċessar tad-"*data* meħtieġa għall-analiżi tal-falsifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali offline: l-informazzjoni dwar l-apparat għall-ħżin lokali, inkluż in-numru tal-apparat għall-ħżin lokali".

10.3 L-Artikolu 36: Ipproċessar mill-Fornituri ta' Servizzi ta' Appoġġ

82. L-Artikolu 36 tal-Proposta jiddeskrivi l-finijiet li għalihom l-ipproċessar jista' jitwettaq mill-PSSs fis-sitwazzjoni fejn il-BĊE jiddeċiedi li jagħtihom il-kompitu li jiżviluppaw u jiġġestixxu funzjoni ta' mekkaniżmu tat-tilwim (l-Artikolu 27 tal-Proposta) jew kompiti fir-rigward tal-FDPM (l-Artikolu 32 tal-Proposta).
83. Minbarra r-rakkomandazzjonijiet li diġà saru hawn fuq fit-Taqsima 8.5 fir-rigward tal-FDPM ġenerali, l-EDPB u l-EDPS jixtiequ jqajmu l-kummenti li ġejjin dwar l-Artikolu 36 tal-Proposta.

L-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-PSSs u l-BĊE

84. L-EDPB u l-EDPS jifhmu mill-Artikoli 27(2), 32(1) u 36(1) tal-Proposta li, filwaqt li l-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali se jkunu responsabbli għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim u għad-detezzjoni ta' frodi ġenerali, il-PSSs se jkunu responsabbli biex jappoġġaw il-funzjonament ta' dawn il-mekkaniżmi, jekk il-BĊE jiddelega dan il-kompitu lilhom. L-Artikolu 36(5) tal-Proposta jispeċifika wkoll li l-PSSs għandhom jiġu meqjusa bħala kontrolluri meta jipprovdu dan l-appoġġ. Dwar dan l-aspett, huwa essenzjali li wieħed iżomm f'moħħu li

d-determinazzjoni tar-rwol tal-kontrolluri fl-atti leġiżlattivi trid tkun allinjata mar-responsabbiltajiet attwali attribwiti lil dawn l-atturi f'dawn l-atti legiżlattivi⁷⁷. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-Proposta, kif inhi, ma tipprovdi biżżejjed informazzjoni dwar il-kompiti attwali li se jitwettqu mill-PSSs fil-kuntest tar-riżoluzzjoni tat-tilwim u l-mekkaniżmi ġenerali ta' detezzjoni tal-frodi, u b'hekk tipprevjeni lill-EDPB u lill-EDPS milli jivvalutaw ir-rwol tagħhom bħala kontrolluri jew proċessuri meta jipproċessaw *data* personali għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 36(1) tal-Proposta. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw lill-koleġiżlaturi biex jispeċifikaw aktar ir-responsabbiltajiet attribwiti lill-PSSs fir-rigward ta' dawn il-mekkaniżmi li jiġġustifikaw ir-rwol tagħhom bħala kontrolluri. Alternattivament, il-koleġiżlaturi huma mistiedna jneħħu mill-Artikolu 36(5) il-kwalifika tal-PSSs bħala kontrollur fil-każijiet kollha, minħabba li din il-kwalifika għandha tiġi vvalutata fi stadju aktar tard fid-dawl tal-kompiti attwali fdati mill-BĊE lill-PSSs fir-rigward tal-Artikoli 27 u 32 tal-Proposta, kif ukoll il-gwida tal-EDPB u tal-EDPS dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur⁷⁸.

It-tipi ta' data personali pproċessati mill-PSSs

85. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li meta l-BĊE jiddeċiedi li jafda l-kompitu ta' mekkaniżmu ġenerali għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-frodi lill-PSSs, il-kategoriji ta' *data* personali msemmija fl-Anness V jiġu trażmessi direttament mill-PSPs lil dawn il-fornituri skont l-Artikolu 32(4) tal-Proposta. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Anness V, il-punti (i) sa (iii) tal-Proposta, billi jirreferu għat-terminu "inkluż", ma fihomx lista eżawrjenti ta' tipi ta' *data* personali, u għalhekk jirrakkomandaw li jsiru aktar kjarifiki dwar it-tip ta' *data* personali li tista' tiġi pproċessata mill-PSSs taħt dawn il-kategoriji.
86. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw in-nuqqas ta' kategoriji elenkati ta' *data* personali li għandha tiġi pproċessata mill-PSSs meta joperaw l-iskambju ta' messaġġi għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 27(2) tal-Proposta, kif ukoll in-nuqqas ta' kjarifika dwar min jipprovi din l-informazzjoni. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw iż-żieda ta' dawn il-kjarifiki fl-Anness V.

Il-bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' data personali mill-PSSs

87. Fl-aħħar, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Proposta ma tagħmilx referenza espliċita għall-bażi ġuridika għall-ipproċessar imwettaq mill-PSSs għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 36(1) tal-Proposta. Għaldaqstant, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li fil-Premessa 76 jew l-Artikolu 36(1) tal-Proposta jiġi ċċarat li l-Artikolu 6(1)(e) tal-GDPR japplika għal dan l-ipproċessar ta' *data*

⁷⁷ Il-Linji Gwida 07/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur, adottati fis-7 ta' Lulju 2021, il-paragrafu 23, disponibbli fuq: https://edpb.europa.eu/system/files/2023-10/EDPB_guidelines_202007_controllerprocessor_final_en.pdf; Linji Gwida tal-EDPS dwar il-kunċetti ta' kontrollur, proċessur u kontroll konġunt skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, adottati fis-7 ta' Novembru 2019, paġna 8, nota 6 f'qiegħ il-paġna, disponibbli fuq: https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/19-11-07_edps_guidelines_on_controller_processor_and_jc_reg_2018_1725_en.pdf

⁷⁸ Il-Linji Gwida 07/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur, adottati fis-7 ta' Lulju 2021, disponibbli fuq: https://edpb.europa.eu/system/files/2023-10/EDPB_guidelines_202007_controllerprocessor_final_en.pdf; Il-Linji Gwida tal-EDPS dwar il-kunċetti ta' kontrollur, proċessur u kontroll konġunt skont ir-Regolament (UE), adottati fis-7 ta' Novembru 2019, disponibbli fuq: https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/19-11-07_edps_guidelines_on_controller_processor_and_jc_reg_2018_1725_en.pdf.

personali meta jitqies li l-iproċessar imwettaq mill-PSSs se jsir fil-qafas ta' kompitu pubbliku mogħti lilhom mill-BĊE.

11 KAPITOLU IX — IL-ĠLIEDA KONTRA L-#ASIL TAL-FLUS

88. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-fatt li l-Artikolu 37 fih reġim speċifiku dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-AML/CFT fir-rigward tat-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali offline. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jiżguraw il-bilanċ xieraq bejn il-protezzjoni tal-privatezza u d-*data* personali, minn naħa waħda, u l-applikazzjoni tar-regoli tal-AML/CFT, min-naħa l-oħra, filwaqt li jqisu l-profil tar-riskju speċifiku tal-euro diġitali. Tabilħaqq, l-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li r-regoli tal-AML/CFT li bħalissa huma applikabbli għall-pagamenti elettroniċi, li jippermettu t-traċċabbiltà tal-flus tal-bank kummerċjali, jeħtiegħ li jiġu adattati biex jintlaħaq l-objettiv tal-euro diġitali biex jiġi żgurat l-oġġla livell possibbli ta' privatezza⁷⁹.
89. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-valutazzjoni tal-impatt tal-Proposta⁸⁰ tiddikjara li l-għażla 2e (privatezza selettiva għal pagamenti ta' valur baxx online) "*tista' tkun attraenti għall-kriminali u t-terroristi*", iżda ma tispjegax għaliex il-profil tar-riskju ta' din l-għażla jkun neċessarjament oġġla mill-profil tar-riskju ta' flus kontanti.
90. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li, kif tfakkar it-Task Force tal-Azzjonijiet Finanzjarji ("FATF") fir-rakkomandazzjonijiet tagħha⁸¹, il-livell ta' riskju tal-AML/CFT ma għandux jiġi ddeterminat b'mod astratt, iżda fir-rigward tal-għażliet speċifiċi tad-disinn li jsiru għal munita diġitali ta' bank ċentrali partikolari ("CBDC"). Dwar dan l-aspett, il-valutazzjoni tal-impatt ma tanalizzax biżżejjed il-profil tar-riskju tal-AML/CFT tal-euro diġitali li, fil-prattika, jiddependi fuq it-teknoloġija użata u l-għażliet tad-disinn magħmula matul il-fażi tal-konċepiment. Meta tagħmel dan, il-valutazzjoni tal-impatt tonqos milli tqis il-profil tar-riskju tal-AML/CFT differenti ta' din l-għażla, inkluż il-fatt li dan ir-riskju jista' jitnaqqas mid-disinn attwali tal-euro diġitali, jekk jiġi vvalutat u għestit kif xieraq abbażi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju.
91. B'mod partikolari, l-EDPB u l-EDPS iqisu li jeżistu għadd ta' miżuri ta' mitigazzjoni li għandhom jitqiesu sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-AML/CFT tal-euro diġitali online. Kif enfasizzat fil-letteratura rilevanti reċenti⁸², dawn il-miżuri jinkludu għażliet ta' disinn u teknoloġiċi li għandhom isiru fi stadju aktar tard biex jitnaqqas ir-riskju tal-AML/CFT, bħal: (i) il-livell tal-limitu ta' parteċipazzjoni (ii) l-introduzzjoni ta' limitu speċifiku għal tranżazzjonijiet online ta' valur baxx, li meta jinqabeż jistgħu jseħħu kontrolli kompluti u (iii) il-possibbiltà li l-kont tal-utent jiġi identifikat mill-ġdid f'każ ta' sospett. Minbarra dawn il-miżuri, jistgħu jiżdedu limitazzjonijiet tekniċi, bħall-adozzjoni ta' definizzjoni xierqa ta' istantanjetà biex jiġu evitati

⁷⁹ Id-Dikjarazzjoni 04/2022 tal-EDPB dwar l-għażliet tad-disinn għal euro diġitali mill-perspettiva tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data*, adottata fl-10 ta' Ottubru 2022, paġna 3, disponibbli fuq: https://edpb.europa.eu/system/files/2022-10/edpb_statement_20221010_digital_euro_en.pdf

⁸⁰ Paġna 71 tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Proposta.

⁸¹FATF, Rapport lill-Ministri tal-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 dwar l-hekk imsejħa Stablecoins, Ġunju 2020, disponibbli fuq: <https://www.fatf-gafi.org/content/dam/fatf-gafi/reports/Virtual-Assets-FATF-Report-G20-So-Called-Stablecoins.pdf> ara l-Anness B, il-punti 88 u 92 u 94.

⁸² The White House, Technical evaluation for a U.S. central bank digital currency system, Settembru 2022, paġna 19, disponibbli fuq: <https://www.whitehouse.gov/wp-content/uploads/2022/09/09-2022-Technical-Evaluation-US-CBDC-System.pdf>

tranżazzjonijiet ta' *"frekwenza għolja"*, il-limitazzjoni tal-għadd ta' tranżazzjonijiet kuljum bl-istess numru tal-kont ta' pagament tal-euro diġitali uniku jew monitoraġġ ta' xejriet ta' finanzjament u ta' definanzjament (kif inhu l-każ bil-modalità offline) biex jiġi pprevenut l-użu abbużiv tal-approċċ tal-livell limitu. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Premessa 79 tal-Proposta tipprevedi b'mod espliċitu li t-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali online jistgħu jkunu ta' riskju baxx billi tipprevedi l-elaborazzjoni ta' standards tekniċi regolatorji mill-AMLA dwar *"miżuri ta' diliġenza dovuta ssimplifikati"* li l-PSPs għandhom japplikaw.

92. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-valutazzjoni tal-impatt tal-Proposta ma tqisx l-eżistenza tal-limitu ta' żamma bħala mitigazzjoni possibbli għar-riskju tal-AML/CFT li japplika għall-euro diġitali online, li ma jistax jintuża bħala mezz biex jinħażen valur kuntrarju għal dak li huwa l-każ bi flus kontanti fiżiċi. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn ir-riskju standard tal-AML/CFT u status possibbli ta' riskju baxx, li jippermetti kontrolli ssimplifikati, u b'hekk jiġi adottat approċċ ta' *"wieħed tajjeb għal kulħadd"* tar-riskju.
93. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi inkluż obbligu għall-Eurosistema li timplimenta l-aktar miżuri tekniċi xierqa biex tkompli tnaqqas il-profil tar-riskju tal-AML/CFT ta' tranżazzjonijiet tal-euro diġitali online b'valur baxx (pereżempju billi tintroduċi dispożizzjoni speċifika skont il-Kapitolu X). B'mod partikolari, l-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li r-riskju tal-AML/CFT ta' tranżazzjonijiet bl-euro diġitali online ta' valur baxx għandu jiġi indirizzat u mmitigat matul il-fażi tad-disinn tal-euro diġitali, li jkun aktar xieraq minn limitazzjoni *a priori* tal-karatteristiċi tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data* ta' tranżazzjonijiet bl-euro diġitali online ta' valur baxx. Bl-adozzjoni obbligatorja ta' miżuri tekniċi xierqa biex jitnaqqas il-profil tar-riskju tal-AML/CFT kif propost, il-limitazzjoni *a priori* tal-karatteristiċi tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data* ta' tranżazzjonijiet bl-euro diġitali online ta' valur baxx ma tkunx teknikament iġġustifikata u ma ttipprovdi il-bilanċ it-tajjeb bejn il-protezzjoni tal-privatezza u tad-*data* personali, minn naħa waħda, u l-prevenzjoni tal-AML/CFT, min-naħa l-oħra.
94. Wara li kkunsidraw dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, l-EDPB u l-KEPD jiddispjaċihom li *"l-approċċ ta' privatezza selettiva"* għall-pagamenti online bl-euro diġitali, li kien meqjus mill-BĊE nnifsu⁸³ ġie miċħud fil-Proposta. B'mod aktar speċifiku, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li r-reġim speċifiku li japplika għall-modalità offline (li l-AML/CFT tivverifika biss għall-finanzjament u d-definanzjament) għandu jiġi estiż għall-modalità online għal tranżazzjonijiet ta' valur baxx, u b'hekk jiġi stabbilit limitu ta' privatezza, jew fi kliem ieħor, limitu li taħtu ma jseħħ l-ebda traċċar tat-tranżazzjonijiet għall-finijiet tal-AML/CFT. Dan il-livell limitu jista' jiġi stabbilit permezz ta' att ta' implimentazzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 37(5) u (6) tal-Proposta, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju preċedenti li tkopri kemm ir-riskji għall-protezzjoni tad-*data* kif ukoll it-theddid tal-AML/CFT. Għall-fini ta' sempliċità u effiċjenza, dan il-limitu jista'

⁸³ Pereżempju, f'diskors reċenti lill-kumitat ECON, Fabio Panetta, membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE, iddikjara, filwaqt li kkummenta dwar il-livell ta' riskju ta' pagamenti ta' valur aktar baxx: *"B'mod ġenerali, jista' jiġi kkunsidrat grad ogħla ta' privatezza għal pagamenti online u offline ta' valur aktar baxx. Dawn il-pagamenti jistgħu jkunu soġġetti għal kontrolli ssimplifikati tal-AML/CFT, filwaqt li tranżazzjonijiet ta' valur ogħla jibqgħu soġġetti għall-kontrolli standard"*. Ara: Il-BĊE, Dikjarazzjoni introduttorja minn Fabio Panetta, Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE, fil-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari tal-Parlament Ewropew, 30 ta' Marzu 2022, disponibbli fuq: https://www.ecb.europa.eu/press/key/date/2022/html/ecb.sp220330_1~f9fa9a6137.en.html

jkun l-istess bħal-limitu tat-tranżazzjoni għall-modalità offline, li jkopri b'mod partikolari tranżazzjonijiet ta' kuljum ta' valur baxx⁸⁴.

95. Barra minn hekk, fir-rigward tad-definizzjoni tal-*"limiti tat-tranżazzjonijiet"* għall-modalità offline, l-EDPB u l-EDPS ifakkru fil-ħtieġa li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn il-prevenzjoni tar-riskji tal-AML/CFT minn naħa waħda u l-preservazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza min-naħa l-oħra. Dan għandu jiġi rifless fl-Artikolu 37 tal-Proposta. B'mod partikolari, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-kriterji li għandhom jiġu meqjusa mill-Kummissjoni fl-Artikolu 37(6) meta tkun qed tiddeċiedi dwar il-limiti ta' tranżazzjoni u parteċipazzjoni għall-modalità offline huma relatati mar-riskju tal-AML/CFT u l-*"utilizzabbiltà u aċċettazzjoni"* tal-euro diġitali, iżda r-referenza għall-privatezza tal-pagamenti għadha nieqsa. Dan huwa sorprendenti minn perspettiva tal-protezzjoni tad-*data*, peress li l-preservazzjoni tal-privatezza hija waħda mill-oġettivi ewlenin ta' din il-modalità. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-Artikolu 37(6) tal-Proposta jirreferi għall-implikazzjonijiet f'termini ta' privatezza u protezzjoni tad-*data* personali.
96. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Artikolu 37(6) tal-Proposta jipprevedi biss li l-Kummissjoni *"tista"* tikkonsulta lill-EDPB meta tippromulga att delegat dwar dan is-suġġett. Madankollu, ma huwiex ċar jekk u kif se ssejtn din il-konsultazzjoni. Mekkaniżmu strutturat u istituzzjonalizzat, aktar milli sempliċi possibbiltà li jiġi kkonsultat l-EDPB, għandu jiġi pprovdut mill-Proposta. L-EDPB u l-EDPS għalhekk jirrakkomandaw lill-koleġiżlaturi jintroduċu, fl-aħħar tal-Artikolu 37(6), obbligu għall-AMLA li taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EDPB u tikkonsulta formalment miegħu meta toħroġ l-opinjoni mitluba mill-Kummissjoni (kif propost fl-opinjoni tal-EDPS fir-rigward tal-Artikolu 7(4) tal-Proposta FIDA⁸⁵) u għall-Kummissjoni biex tqis l-opinjoni qabel ma tipprovdi abbozz ta' att delegat. Dan ikun mingħajr preġudizzju għall-konsultazzjoni tal-EDPS f'konformità mal-EUDPR.
97. Fl-aħħar, xi dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jeħtieġu kjarifiki biex jiġi evitat kwalunkwe dubju dwar il-prominenza mogħtija lill-privatezza u lill-protezzjoni tad-*data* personali għall-modalità offline. B'mod partikolari:
- L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-Artikolu 37(2), li jiddikjara li l-ebda *data* dwar it-tranżazzjonijiet ma għandha tinżamm mill-PSPs, mill-BĊE jew mill-banek ċentrali nazzjonali - u l-punt 3 tal-Anness IV - li jipprevedi li l-Eurosistema tista' taqra l-informazzjoni kollha dwar l-apparat għall-ħżin lokali għall-fini ta' analiżi falza ta' tranżazzjonijiet ta' pagament tal-euro diġitali offline"

⁸⁴ L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li dan l-approċċ f'partijiet (bin-nuqqas ta' kontrolli jew kontrolli mnaqqsa għal tranżazzjonijiet online ta' valur baxx) huwa post dejjem aktar komuni fid-disinn tas-CBDC madwar id-dinja kollha. Kif iddikjarat/innotat f'dokument ta' sfond reċenti tal-FMI, *"[...] it-tliet proġetti CBDC attivi kollha għażlu l-istess mod biex jittrattaw il-kompromess tal-politika bejn l-anonimità/l-inklużjoni finanzjarja u l-konformità mal-AML/CFT. L-approċċ tagħhom kien li jipprovdu għażla sekwenzjali ta' kartieri b'livelli ta' limiti differenti. Dawk b'limiti aktar baxxi jippermettu anonimità akbar. (...) L-użu ta' kartieri CBDC f'saffi għalhekk iwassal għal "sinerġiji ta' politika" bejn l-anonimità, it-tnaqqis tar-riskju (ta' assalti bankarji), u l-inklużjoni finanzjarja. Ara: Il-Fond Monetarju Internazzjonali, Wara x-xeni tal-munita diġitali tal-banek ċentrali: xejriet emerġenti, għarfien u, lezzjonijiet ta' politika, Frar 2022, paġna 13, disponibbli fuq: <https://www.imf.org/-/media/Files/Publications/FTN063/2022/English/FTNEA2022004.ashx>.*

⁸⁵ L-Opinjoni tal-EDPS 38/2023 dwar il-Proposta għal Regolament dwar qafas għall-Aċċess għad-*Data* Finanzjarja, adottata fit-22 ta' Awwissu 2023, paragrafu 30, disponibbli fuq: https://edps.europa.eu/system/files/2023-08/2023-0730_d2425_opinion_en.pdf

- Fl-Artikolu 37(2) it-terminu “*iżommu*” [*data ta’ tranżazzjoni*] ma huwiex ċar minn perspettiva ta’ protezzjoni tad-*data* peress li wieħed kien jistenna t-terminu “*jipproċessaw*” jew “*jaċċessaw*”. “*iżommu*” jidher li timplika li d-*data* tista’ tiġi aċċessata, li ma tissodisfax il-livell ta’ privatezza mmirat mal-modalità offline. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw is-sostituzzjoni ta’ “*iżommu*” b’ “*jipproċessaw*”;
 - L-Artikolu 37(4) jinkludi, fost “*data dwar il-finanzjament u d-definanzjament*” lli għandha tiġi pproċessata għall-finijiet tal-AML/CFT, l-identifikatur tal-apparat għall-ħżin lokali għall-pagamenti offline bl-euro diġitali. F’dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi ċċarat ir-raġunament għall-ħtieġa li tiġi pproċessata din il-kategorija ta’ *data* għall-fini tal-Artikolu 37(3), meta jitqies li l-Proposta diġà tipprevedi l-ipproċessar ta’ kategoriji oħrajn ta’ *data* personali, inkluż in-numru/i tal-kont(ijiet) użat(i) għall-finanzjament u d-definanzjament;
98. Fl-aħħar, in-nota tal-EDPB u tal-EDPS skont l-Artikolu 35(4), moqrija flimkien mal-Premessa 76 tal-Proposta, għandu jkun hemm segregazzjoni ċara ta’ *data* personali biex jiġi żgurat li l-Eurosistema ma tkunx tista’ tidentifika direttament utenti individwali tal-euro diġitali. F’dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi introdott obbligu għall-Eurosistema li tipprevedi s-segregazzjoni tad-*data* fl-apparat għall-ħżin lokali fir-rigward ta’ tranżazzjonijiet offline u online ta’ valur baxx. Għandu jiġi ddikjarat fil-Proposta li d-*data* tat-tranżazzjonijiet għandha tkun “iddelimitata” (jiġifieri, tibqa’ fl-apparat għall-ħżin lokali) u ma għandhiex tiġi esportata barra mill-apparat (id-*data* tiġi pproċessata u maħżuna lokalment). Minn perspettiva teknika, huwa possibbli li din is-segregazzjoni tiġi implimentata u ssir operazzjonali, u b’hekk fl-aħħar mill-aħħar l-utenti jiġu pprovduti b’salvagwardji aktar b’saħħithom fir-rigward tal-konfigurazzjonijiet tal-privatezza għall-użu ta’ euro diġitali offline.

12 KAPITOLU X – DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

99. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Artikolu 38 tal-Proposta jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex timmodifika l-annessi permezz ta’ atti delegati. F’dan ir-rigward, minħabba l-impatt sinifikanti mistenni fuq il-livell ta’ privatezza u protezzjoni tad-*data* personali tal-persuni kkonċernati, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jintroduċu referenza ċara għall-Artikolu 42 tal-EUDPR biex jagħmluha ċara li l-EDPS u/jew l-EDPB għandhom jiġu kkonsultati kif xieraq meta jiġu proposti dawn l-atti delegati.
100. Fir-rigward tar-rieżami tar-Regolament skont l-Artikolu 41 tal-Proposta, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* għandhom ikunu aspekk ċentrali li għandu jiġi evalwat mill-Kummissjoni fir-rapporti tagħha. L-EDPB u l-EDPS jibqgħu disponibbli biex jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni meta jkunu qed iħejju dawn ir-rapporti li għandhom jiġu ppreżentati sena wara l-ewwel ħruġ tal-euro diġitali u kull 3 snin⁸⁶.

KUMMENTI TAL-GĦELUQ

101. Filwaqt li l-proċess leġislattiv tal-UE għadu għaddej, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE se jirrieżamina l-eżitu tal-fażi ta’ investigazzjoni fil-ħarifa tal-2023 u, abbażi ta’ dan, se jiddeċiedi

⁸⁶ L-Artikolu 41(1) tal-Proposta.

jekk jibdiex fażi aktar sperimentali tal-euro diġitali, bl-ambizzjoni li joħroġ l-euro diġitali f'sentejn jew 3 snin oħra⁸⁷. F'dan il-kuntest, l-EDPB u l-EDPS ifakkru fl-obbligu li l-kontrolluri tal-euro diġitali u l-kontrolluri konġunti kollha jwettqu valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (minn hawn' il quddiem "DPIA"), sal-punt li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 35 tal-GDPR jew tal-Artikolu 39 tal-EUDPR għat-tweġġ ta' din il-valutazzjoni, u idealment li jipubblikaw din id-DPIA.

102. Il-BĊE għandu jevalwa wkoll il-ħtieġa li jikkonsulta lill-EDPS qabel ma jwettaq ipproċessar fir-rigward tal-euro diġitali, peress li dan l-ipproċessar x'aktarx li jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi. B'mod partikolari, l-ipproċessar ta' *data* personali mill-BĊE jissodisfa mill-anqas tlieta mill-kriterji stabbiliti fil-linji gwida tal-EDPB dwar id-DPIAs (eżempju evalwazzjoni jew punteġġ fil-kuntest tal-FDPM, ipproċessar ta' *data* personali sensitiva peress li hija relatata mal-finanzi tal-utenti tal-euro diġitali, u pproċessar fuq skala kbira)⁸⁸.

103. F'dan l-isfond, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-Proposta tfakkar fl-obbligu tal-BĊE li jwettaq DPIA u tafda lill-BĊE li jipprovdi euro diġitali b'konformità integrata mal-obbligu tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku matul il-passi li jmiss tal-proġett bħall-adozzjoni ta' għażliet teknoloġiċi, regoli tal-iskemi u prova tal-kunċett. Dispożizzjoni bħal din tiżgura b'mod ċar it-trasparenza għall-pubbliku dwar is-salvagwardji stabbiliti biex jinkiseb euro diġitali li jipproteġi b'mod effettiv il-privatezza u d-*data* personali tagħhom. Dawn jistgħu, pereżempju, jiġu introdotti permezz ta' Artikolu 36a jew fid-dispożizzjonijiet finali (Kapitolu X).

Għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Anu Talus)

(Wojciech Wiewiorowski)

⁸⁷ BĊE, Progress dwar il-faзи ta' investigazzjoni ta' euro diġitali – ir-raba' rapport, 14 ta' Lulju 2023, disponibbli fuq:

<https://www.ecb.europa.eu/paym/intro/news/html/ecb.mipnews230714.en.html#:~:text=The%20fourth%20progress%20report%20on,it%20could%20strengthen%20financial%20inclusion>.

⁸⁸ WP29, Linji Gwida dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* (DPIA) u li jiddeterminaw jekk l-ipproċessar "x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli" għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, adottati fl-4 ta' April 2017, paġni 9–11, disponibbli fuq: <https://ec.europa.eu/newsroom/article29/items/611236/en>